Nru. 18,145
Prezz/Price
Lm1.12 (€2.61)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 9 ta' Novembru, 2007
Friday, 9th November, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

AWTORITÀ TAD-DJAR

Avviż Numru 3 - Shared Ownership

Regolamenti għall-Bejgħ b'Shared Ownership ta' Appartamenti u Maisonettes u Garaxxijiet (fejn applikabbli), f'Diversi Lokalitajiet f'Malta u Għawdex

1. Numru, Lokalitajiet u Prezz tal-Bejgħ

In-numru u l-lokalitajiet tal-fondi huma elenkati fi **Skeda 1** li turi wkoll il-prezz għall-bejgħ tagħhom.

2. Għal min huma intiżi l-fondi

Il-kategoriji ta' applikanti għal min huma intiżi l-fondi huma ukoll mniżżla fi **Skeda 1.** Il-postijiet maħruġa taħt din il-ħarġa ser jiġu mqassma kif ġej:-

35% tal-postijiet lill-applikanti li huma koppji miżżewġin u/jew ġenitur wieħed (anke jekk mhux miżżewweġ/ġa);
45% tal-postijiet lill-applikanti koppji għarajjes;
10% tal-postijiet lill-applikanti ġuvni jew xebba, persuna separat/a u armel/armla mingħajr tfal jgħixu miegħu/magħha. Ġuvni jew xebba, illi għal xi żmien għexu ġo xi Istituzzjoni u ħarġu sabiex jgħixu ħajja indipendenti jew li għal xi żmien kienu *fostered* u applikanti separati jew de facto separati mingħajr il-kustodja tat-tfal imma li tali tfal jgħaddu xi ġranet tal-ġimgħa jgħixu magħhom.
10% tal-postijiet lill-applikanti żewġ adulti flimkien

F'kull kategorija, l-Awtorità l-ewwel talloka sa' 10% tal-postijiet lill-applikanti li jew huma nfushom jew membru tal-familja tagħhom ikollhom diżabilità kemm fiżika, intelletwali kif ukoll persuni li jsofru jew sofrew minn mard kroniku mentali u li f'ċerti każijiet jipposjedu I.D Card speċjali maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità. F'każ ta' aktar applikanti mill-massimu stabbilit, il-postijiet jingħataw skond il-punti li jġibu l-applikanti kkonċernati.

3. Min jista' japplika

Jistgħu japplikaw għall-akkwist ta' fond, u fejn applikabbli għall-garaxx abbinat miegħu, dawk il-persuni li sad-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, jkunu:

(a) koppji miżżewġin;
(b) ġenitur wieħed li jkollu tifel/tifla jew tfal jgħixu miegħu li mhumiex miżżewġin (jikkwalifikaw ukoll dawk li persuni li jkunu ser jkollhom tarbija sad-data tal-pubblikazzjoni tal-lista finali tal-punti);
(ċ) persuna b'diżabilità li tista' tkun miżżewġa, għarusa, separata, armla jew persuna waħedha;
(d) għarus u l-għarusa flimkien;
(e) ġuvni jew xebba,
(f) persuna separat/a mingħajr tfal jgħixu miegħu/magħha,
(ġ) żewġ persuni adulti.

L-applikant irid jindika fuq il-formola ta' l-applikazzjoni taħt liema kategorija qed japplika u ma jistax japplika taħt aktar minn kategorija waħda.

4. Kwalifiki Meħtieġa

Fil-31 ta' Diċembru, 2007 l-applikanti jridu jkunu:

(a) għalqu l-21 sena f'każ ta' għarajjes, miżżewġin, ġenitur wieħed li jkollu tifel/tifla jew tfal jgħixu miegħu li mhumiex miżżewġin, separat/a mingħajr tfal jgħixu miegħu/magħha

(b) għalqu t-28 sena f'każ ta' ġuvni/xebba u romol mingħajr tfal jgħixu miegħu/magħha;

(ċ) għalqu t-18-il sena f'każ ta' ġuvni/xebba illi għal xi żmien għexu ġo xi Istituzzjoni u ħarġu sabiex jgħixu ħajja indipendenti jew li għal xi żmien kienu *fostered*, kif ukoll ġuvni/xebba u separat/a mingħajr tfal jgħixu miegħu/magħha li jsofru minn xi diżabilità;

(d) għalqu t-18-il sena dawk l-applikant kollha taħt kull kategorija li jew huma nfushom jew membru tal-familja tagħhom ikollhom diżabilità kemm fiżika, intelletwali kif ukoll persuni li jsofru jew sofrew minn mard kroniku mentali ;

(e) ghalqu t-28 sena f'każ ta' żewġ adulti li qegħdin japplikaw flimkien.

Fl-ewwel publikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern l-applikanti jridu wkoll jkunu:

(f) ċittadini Maltin jew ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea. Ċittadini mill-Unjoni Ewropeja jridu jkunu qed jakkwistaw l-ewwel residenza f'Malta hew f'pajjiz ta' l-Unjoni Ewropea u jridu ukoll jissodisfaw il-kriterji maħruġa minn xi Awtorità jew mill-uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex jakkwistaw proprjetà f'Malta. Fil-każ ta' miżżewġin mhux separati, biżżejjed li parti waħda tkun Maltija;

(ġ) ikollhom ir-residenza permanenti f'Malta għal mill-anqas sena matul it-tmintax-il xahar ta' qabel il-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż ;

(h) qatt ma ibbenefikaw minn xi fond maħruġ mill-Awtorità tad-Djar permezz ta' Avviż Legali, minn xi skema tal-*Home Ownership*, ta' "Ixtri Darek", maħruġa mill-Awtorità/ Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali/Dipartiment tal-Artijiet, mill-Korpi parastatali jew minn xi Awtorità lokali biex jgħinuh isir sid ta' daru.

Iżda f'każ li waħda mill-persuni li tkun qed tapplika:

(i) tkun ħassret għerusija preċedenti li a bażi tagħha tkun ibbenefikat minn sussidju fuq l-imgħax għas-self fuq ix-xiri ta' proprjetà privata u/jew minn xi sussidju fuq il-prezz ta' xiri ta' fondi maħruġa mill-Awtorità tad-Djar u waħda minn dawn il-partijiet tkun ittrasferiet lill-parti l-oħra d-drittijiet fuq il-proprjetà li fuqha tgawda s-sussidju**(u s-sussidji gawduti jkunu ġew kollha rifużi lill-Awtorità skond il-kundizzjonijiet ta' l-avviż li taħtu jkun ġew mogħtija tali sussidji.)**

(ii) tkun ħassret jew annullat iż-żwieġ preċedenti permezz ta' kuntratt jew sentenza ta' separazzjoni meta a bazi ta' tali żwieġ tkun ibbenefikat minn xi sussidju kif indikat fi klawsola (h) (i) u trasferiet lill-parti l-oħra d-drittijiet tal-proprjetà li fuqha kien tgawda s-sussidju **(u s-sussidji gawduti jkunu ġew kollha rifuzi lill-Awtorità skond il-kundizzjonijiet ta' l-avviz li taħtu jkun ġew mogħtija tali sussidji.)**

Il-parti li ttrasferixxa d-drittijiet jista japplika taħt dan l-avviż.

F'każ li ż-żewġ persuni biegħu lill-terzi proprjetà mixtrija mill-privat minħabba li l-għerusija/żwieġ tħassret/tħassar u tali għarajjes/miżżewġin kienu ingħataw sussidju fuq il-proprjetà mingħand l-Awtorità tad-Djar jew id-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali, iż-żewġ partijiet jistgħu japplikaw separatament jew ma' terzi basta ikun ġie rifuz lura kull sussidju gawdut lill-Awtorità tad-Djar **skond il-kundizzjonijiet ta' l-avviż li taħtu jkun ġew mogħtija tali sussidji.**

Pero' f'każ li ż-żewġ persuni biegħu lill-terzi proprjetà mixtrija mill-Awtorità tad-Djar minħabba li l-għerusija/żwieġ tħassret/tħassar u ġie rifuż lura kull sussidju gawdut lill-Awtorità tad-Djar **skond il-kundizzjonijiet ta' l-avviż li taħtu jkun ġew mogħtija tali sussidji,** iż-żewġ partijiet jistgħu jerġgħu japplikaw separatament jew ma' terzi.

F'dawn il-każijiet ma tapplikax Klawsola 4 sub-klawsola (h) sa fejn din taffettwa l-proprjetà li fuqha ġie gawdut u rifuż is-sussidju fuq imsemmi. B'dan illi f'dawn il-każijiet taħt sub-Klawsola (h) l-Awtorità tad-Djar jkollha diskrezzjoni assoluta li tirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni taħt dan l-avviż u dan fejn jidhrilha li kien sar xi spekulazzjoni fuq proprjetà li originarjament kienet ta' l-Awtorità jew fuq xi proprjetà oħra li fuqha kien ġie gawdut xi sussidju.

(i) (i) jkollhom dħul annwu aggregat bażi li ma jkunx eċċeda l-ħdax-il elf Liri Maltin (Lm11,000/ €25,623) però fil-każ ta' ġuvni jew xebba u separat/a li japplikaw waħedhom, id-dħul ma jkunx eċċeda t-tmint elef u ħames mitt liri Maltin (Lm 8,500/€19,800). Id-dħul jiġi kkalkulat skond Klawsola 13 sub-klawsola (g) u/jew

(ii) tlett snin qabel id-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sad-data tal-att tal-akkwist tal-fond trasferit skond dan l-avviż ma jkunux jippossedu assi kapitali ta' aktar minn għaxart elef liri Maltin (Lm10,000/€23,293), pero' fil-każ ta' ġuvni jew xebba jew separat/a, li japplikaw waħedhom, l-assi kapitali ma jridux jeċċedu l-erba' telef liri Maltin (Lm 4,000/€ 9,317). F'kull każ meta jitqiesu l-assi kapitali, għandhom jitnaqqsu sebgħat elef Liri Maltin (Lm7,000/€16,306) għat-tkomplija ta' l-fond mixtri taħt dan l-avviż. L-assi li għandhom li jingħaddu huma is-segwenti fi:-

Kontijiet il-bank, ***fixed deposits*** kif ukoll ***funds***. Dawn ikunu vverifikati mal-banek. L-applikanti għandhom jiffirmaw formola fejn jagħtu l-kunsens tagħhom lill-banek biex jagħtu din l-informazzjoni lill-Awtorità tad-Djar.

Negozji u **profitti** li jiġu minnhom huma inklużi fl-assi kapitali u dawn jiġu vverifikati mad-Dipartiment tal-VAT. Bl-istess mod informazzjoni dwar **ħwienet** ser tkun vverifikata mad-Dipartiment tat-*Trading Licence*. **Ishma** li jistgħu jkollhom l-applikanti ser ikunu vverifikati mal-*Malta Financial Services Authority.* Tali negozji u ishma jiġu stmati skond il-prattiċi normali.

Artijiet u proprjetajiet li huma liberi li jiġu trasferiti b'faċilità ser jiġu vverifikati mar-Reġistru Pubbliku. **Is-suċċessjoni** u **l-assi li jintirtu** ser jiġu vverifikati mal-*Inland Revenue* u l-Atti tad-Dikjarazzjonijiet *Causa Mortis* mar-Reġistru Pubbliku. Fil-każ fejn proprjetà tkun qegħda tintuża għan-negozju li jkun il-qliegħ prinċipali ta' l-applikanti, l-ewwel Lm15,000/€ 34,941 tal-valur tal-proprjetà ma jiġix ikkunsidrat bħala assi.

Jekk l-applikant/i wieħed ikollu aktar, anke' bi ftit, minn Lm 17,000/€39,599 u fil-każ ta' ġuvni jew xebba u separat/a aktar minn Lm11,000/€25,623 f'assi kapitali, l-applikazzjoni tiġi awtomatikament skwalifikata u l-applikant ma jkunx jista' jibbenefika taħt dan l-avviż.

(j) tliet snin qabel l-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, sad-data tan-notifika ta' l-allokazzjoni tal-fond:

- ma kellhomx immobbli mhux mibnija, diviża jew indiviża, waħedhom jew ma' oħrajn b'titolu ta' proprjetà assoluta jew enfitewsi perpetwa li għalihom inħareġ jew seta' jinħareġ permess għall-bini ta' fond għall-abitazzjoni mill-Awtorità ta' l-Ambjent u l-Ippjanar;

- ma kellhomx diviżament jew indiviżament, waħedhom jew ma' oħrajn, fond tajjeb għall-abitazzjoni b'titolu ta' proprjetà assoluta jew b'titolu ta' enfitewsi perpetwa jew enfiteswi temporanja għal żmien oriġinali li jeċċedi l-erbgħin (40) sena;

- ma kellhomx ishma f' xi soċjeta' kummerċjali li fl-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, kellha proprjetà mmobbli bħal dik imsemmija iżjed 'il fuq fiż-żewġ sub-paragrafi preċedenti;

Applikant iżda ma jiġix skwalifikat għas-sempliċi raġuni illi jippossjedi proprjetà kif deskritt fil-paragrafu (j) jekk fl-opinjoni ta' l-Awtorità, skond id-diskrezzjoni assoluta u finali tagħha, dik il-proprjetà mhix adekwata għall-akkomodazzjoni residenzjali tal-applikant/i u l-familja tiegħu/tagħhom jew ma tistax, minħabba raġunijiet legali, tekniċi, jew loġistiċi tiġi użata għal abitazzjoni jew likwidata fi żmien relattivament qasir sabiex jiġi perċepit il-valur.

L-AWTORITÀ TAD-DJAR IKOLLHA D-DRITT LI TAGĦMEL RIĊERKA FUQ L-APPLIKANTI FUQ L-AĦĦAR ĦAMES SNIN MID-DATA TA' L-AVVIŻ U ŻŻOMM ID-DRITT, FID-DISKREZZJONI TAGĦHA LI TISKWALIFIKA APPLIKANTI JEKK JIRRIŻULTA LI DAWN BIEGĦU PROPRJETÀ U B'HEKK JIĠU LI JIKKWALIFIKAW MINGĦAND L-ISTESS AWTORITÀ TAĦT DAN L-AVVIŻ.

5. Validità ta' l-Applikazzjoni

Biex l-applikazzjoni tkun **valida** għandha:-

(a) tkun fuq il-formola preskritta mill-Awtorità u timtela **kollha**;

(b) tkun **iffirmata** mill-applikanti **kollha** kif indikat;

(c) tkun ippreżentata mill-applikant **personalment** bid-dokumenti kollha mitluba;

(d) fil-każ ta' persuna miżżewġa iżda separata, jew ta' persuna li l-istat ċivili tagħha inbidel wara li tkun ikkuntrattat żwieġ, għandu jkollha mehmuż ma' l-applikazzjoni kopja awtentika tal-**kuntratt ta' separazzjoni** jew tas-**sentenza finali ta' Qorti** kompetenti. F'każ ta' sentenza ta' l-ewwel grad għandu jkun hemm mehmuża dikjarazzjoni li s-sentenza ma ġietx appellata.

Wara l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet ma jiġi aċċettat l-ebda dokument u/jew informazzjoni addizzjonali li ma kinetx mehmuża mad-dokumenti u/jew informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni.

Applikazzjonijiet li jinkludu informazzjoni falza jew inkorretta jistgħu jiġu skwalifikati fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Awtorità u dan f'kull waqt anke wara li jkun ingħata l-fond taħt dan l-avviz. Dan isir wara li l-Awtorità tad-Djar tkun ivverifikat il-ġenwinita' tal-każ.

6. Allokazzjoni tal-Fondi

Il-Fondi jiġu allokati skond sistema ta' punti kif spjegata iżjed fid-dettall fi **Skeda 2.**

7. Kundizzjonijiet tal-akkwist taħt dan l-Avviż

Il-proprjetà trasferita mill-Awtorità lill-applikant taħt dan l-avviż hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li jidhru fi **Skeda 3.**

8. Għajnuna li tista' tingħata lil min jakkwista fond

Applikanti illi jibbenefikaw taħt dan l-avviż u jiġu allokati fond jistgħu jikkwalifikaw għal:-

(i) għajnuna biex jirrendu l-fond aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità skond **Skeda 4.**

9. Assoċjazzjoni ta' Residenti

Applikanti li jingħataw appartament taħt dan l-Avviż ikollhom l-obbligu li jiffurmaw parti mill-Assoċjazzjoni ta' Residenti bl-għanijiet u bl-obbligazzjonijiet msemmija fi **Skeda 5.** Dana, pero' sakemm ma jkunux in konflitt mal-provedimenti tal-liġi li tirregola il-Kondominji (Att Numru 29 tas-sena 1997).

10. Listi

Lista ta' l-applikanti kollha titwaħħal fuq il-Bord tal-Avviżi ta' l-Awtorità tad-Djar fil-Habitat Hall, Pjazza Filippo Sciberras, Floriana u jekk ikun hemm applikanti li joqogħdu Għawdex, fuq il-Bord ta' Avviżi, fl-Uffiċċju ta' l-Awtorità tad-Djar, f'25 Triq Enrico Mizzi, ir-Rabat, Għawdex. Applikanti li isimhom ma jidhirx f'din il-lista għandhom jinfurmaw b'dan bil-miktub, fuq formoli preskritti liċ-*Chairman* tal-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar. Dawn il-formoli ta' oġġezzjoni għandhom jiġu indirizzati liċ-*Chairman* ta' l-Awtorità tad-Djar u jiġu mogħtija lil xi persuna minnha inkarigata għal dan il-għan sa mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-lista imsemmija.

Hekk kif jitlesta x-xogħol ta' pproċessar neċessarju, lista ta' applikazzjonijiet validi u invalidi tiġi murija fuq il-Bord ta' l-Avviżi ta' l-Awtorità tad-Djar. Persuni interessati jkollhom id-dritt joġġezzjonaw bil-miktub fuq il-formola li tinkiseb mill-Awtorità tad-Djar, għal xi deċizjoni murija f'din il-lista. Applikanti Għawdxin jistgħu jaraw il-lista ta' l-applikazzjonijiet fil-fergħa ta' l-Awtorità tad-Djar fi 25 Triq Enrico Mizzi Victoria Għawdex. Kull oġġezzjoni f'dan ir-rigward għandha tkun magħmula bil-miktub u tiġi indirizzata lic-*Chairman* tal-Awtorità tad-Djar jew lil persuni minnha delegati għal dan il-għan sa mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-lista msemmija.

Ma' din l-oġġezzjoni għandu jibgħat *Bill Payable* ta' Lm10/€23.29 indirizzat lic-*Chairman* ta' l-Awtorità tad-Djar, bħala spejjez amministrattivi. Mingħajr dan il-ħlas l-oġġezzjoni ma tiġix ikkunsidrata. Dan l-ammont jiġi rifuz biss jekk u meta l-Bord ta' l-Appelli ta ' l-Awtorità tad-Djar jistudja u jaċċetta l-oġġezzjoni magħmula mill-applikanti.

L-Awtorità tad-Djar iżżomm listi ta' ismijiet ta' applikanti (Listi ta' Riserva) għall-istess fondi u garaxxijiet sabiex dawk il-fondi u garaxxijiet li jiġu rifjutati mill-ewwel applikanti li jintgħażlu jiġu offruti lil dawn l-applikanti ta' Riserva. Dawn il-Listi ta' Riserva jkunu mibnija fuq ordni ta' mertu (*order of merit*) skond il-punti li jkunu ġabu l-applikanti fil-Klawsola relattiva u jibqgħu validi sakemm l-fondi taħt dan l-avviż jiġu allokati kollha. Persuni li isimhom jidher f'dawn il-Listi ta' Riserva jkunu ntitolati li japplikaw għal kwalunkwe Avviż ieħor maħruġ mill-Awtorità tad-Djar pero', f'każ li jibbenefikaw minn xi applikazzjoni oħra, isimhom jitħassar awtomatikament minn fuq dawn il-Listi ta' Riserva.

F'każ li applikanti taħt l-istess kategorija jġibu l-istess ammont ta' punteġġ, l-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li ttella' polza fil-pubbliku biex jiġi stabbilit l-*order of merit* ta' dawn l-istess applikanti li ġabu l-istess punteġġ.

11. Oġġezzjonijiet

L-uniċi formoli ta' oġġezzjoni validi huma dawk li jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar.

12. Pjanti tal-Fondi u Formoli t'Applikazzjonijiet

Il-pjanti tal-fondi u l-formoli ta' l-applikazzjonijiet ser jinbiegħu nhar l-Ħadd 11 ta' Novembru 2007, nhar is-Sibt u l-Ħadd 17 u 18 ta' Novembru 2007 u nhar is-Sibt u l-Ħadd 24 u 25 ta' Novembru 2007 bejn d-9.00 ta' filgħodu u l-4.00 ta' wara nofs in-nhar. Ser ikun hemm rapprezentanti ta' l-Awtorità tad-Djar sabiex jassistu lill-applikanti fix-xiri ta' proprjetà. L-Awtorità tad-Djar ser tibda tilqa l-applikazzjonijiet nhar is-Sibt u l-Ħadd 24 u 25 ta' Novembru 2007 bejn id-9.00 ta' filgħodu u l-4.00 ta' wara nofs in-nhar.

13. Definizzjonijiet

F'dawn ir-Regolamenti:

(a) sakemm il-kuntest ma jurix mod ieħor, il-kelma "Avviż" tfisser "Avviż Numru 3 - Shared Ownership" li tidher f'din il-Gazzetta.

(b) sakemm il-kuntest ma jurix mod ieħor il-maskil jinkludi l-femminil u il-femminil jinkludi il-maskil u s-singular jinkludi l-plural u l-plural jinkludi s-singular;

(ċ) sakemm il-kuntest ma jurix mod ieħor, il-kelma "Awtorità" tfisser "l-Awtorità tad-Djar";

(d) il-kelma "applikant" tfisser kull min japplika għal fond taħt l-avviż u f'każ ta' miżżewġin mhux separati u għarajjes, tfisser iż-żewġ miżżewġin flimkien u ż-żewġ għarajjes flimkien;

(e) il-kliem "bank" u "istituzzjoni finanzjarja" għandhom l-istess tifsira li tingħatalhom fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Att numru XV tal-1994);

(f) il-kelma "benefiċjarju" tfisser kull persuna li jibbenefika taħt dan l-avviż;

(ġ) il-kliem "dħul annwu aggregat" jinkludu:

(i) dħul gross minn impjieg, paga u/jew salarju, pensjoni u/jew benefiċċju soċjali oħra ta' l-applikanti (eskluzi ċ-*Children's allowance*) fl-intier tagħhom għas-sena bazi preċedenti. Meta l-applikazzjoni ssir minn żewġ applikanti, għal skop ta' dan il-paragrafu, biex jinħadem id-dħul annwu aggregat ta' l-applikanti, il-qliegħ ta' l-applikant li għandu l-għola dħul jiġi kkunsidrat kollu iżda terz (1/3) biss tad-dħul gross tal-applikant li jaqla l-anqas jittieħed in konsiderazzjoni. Iżda meta wieħed mill-applikanti ma jkunx ħadem is-sena bazi kollha u jkun jaħdem bi qliegħ fid-data ta' l-applikazzjoni, d-dħul ta' l-applikant għandu jitqies illi huwa dak li kien ikun kieku l-applikant ħadem s-sena kollha (*projected income assessment)*.

(ii) id-dħul ta' l-applikant u dak tal-mara/għarusa għas-sena bazi kalendarja minn kapital imħaddem, bħal depoziti f'banek, *shares, stocks,* self, kirjiet, investimenti f'intraprizi kummerċjali, investimenti oħra, fil-proprjetà inkluż qliegħ kapitali (*capital gains*).

(iii) mid-dħul gross annwali jitnaqsu l-kontribuzzjonijiet għas-Sigurta' Nazzjonali imħallsa mill-applikant/i.

(iv) 25% biss ta' dħul minn *overtime*.

(v) għall-iskop ta' dan l-avviż id-dħul annwu aggregat totali tas-sena ta' l-applikant għandu jkun dak id-dħul ta' l-applikant/i determinat fis-sub-klawsoli ta' din il-klawsola. Iżda l-Awtorità tad-Djar ma tkunx marbuta li taċċetta dikjarazzjonijiet, dokumenti jew informazzjoni oħra mogħtija lilha mill-applikant jew benefiċjarji taħt dan l-avviż, jekk l-Awtorità tad-Djar tikkunsidra b'mod raġjonevoli illi tali dikjarazzjonijiet, dokumenti jew informazzjoni bħala m' humiex korretti jew veri.

(vi) fil-kaz fejn is-salarji/pagi ta' l-applikanti jiġu depositati dirett fil-bank permezz tas-sistema ta' *direct credit*, l-Awtorità tad-Djar ma tikkalkulax l-aħħar salarju ta' l-applikant għas-sena kalendarja bħala assi.

(vii) mid-dħul gross annwali jitnaqqas kull ammont li persuna separata jew de facto separata tħallas lill-parti l-oħra bħala manteniment.

Ic-*Chairman* ta' l-Awtorità tista' tirrifjuta bħala aċċettabbli, dikjarazzjoni tad-dħul ta' l-applikanti jekk fid-diskrezzjoni assoluta tagħha jidrilha illi din mhix korretta jew vera.

F'dan il-każ hija għandha tirreferi l-każ lill-Bord tal-Appell ta' l-Awtorità tad-Djar maħtur mill-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar, sabiex dan jistabbilixxi d-dħul ta' l-applikanti/ benefiċjarji. Id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli tkun finali u torbot kemm lill-Awtorità kif ukoll lill-applikanti/benefiċjarji. L-applikanti/benefiċjarji milquta għandhom id-dritt jagħmlu oġġezzjonijiet quddiem il-Bord ta' l-Appell.

(h) il-kelma *"household"* tfisser l-applikant u dawk il-membri tal-familja tiegħu li bi ħsiebhom jgħixu miegħu fil-fond allokat taħt dan l-avviz;

(i) il-kliem "sena bażi" jfissru is-sena 2006;

(j) il-kliem "ħin tax-xogħol" ifissru mit-8.00 a.m. sas-1.00p.m bejn il-16 ta' Ġunju u 30 ta' Settembru u mit-8.00 a.m. sa 12.00 u mis-1.30 p.m. sat-3.30 p.m. bejn 1 ta' Ottubru u l-15 ta' Ġunju, ta' kull jum tax-xogħol;

(k) il-kelma "familja" tinkludi mart jew żewġ l-applikant li m'humiex separati u ulied l-applikanti li m' humiex miżżewġa;

(l) il-kliem "att tal-akkwist" ifissru l-att notarili li bih l-Awtorità tittrasferixxi lill-benefiċjarju il-fond taħt dan l-avviż, jew f'każ illi l-Awtorità ma tkunx akkwistat l-art li fuqha hu mibni il-fond, l-att notarili li bih il-benefiċjarji jingħata pussess tal-fond wara li jkun tħallas il-prezz kollu skond dan l-avviż;

(m) Skedi 1 sa 5 jiffurmaw parti ntegrali minn dawn ir-Regolamenti.

14. Tagħrif Addizzjonali

L-Awtorità tad-Djar tixtieq tavża li dawn il-kundizzjonijiet huma fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Awtorità tad-Djar u japplikaw biss għal din il-ħarġa. L-Awtorità tad-Djar ma tintrabatx li żżomm kondizzjonijiet simili għall-ħarġa oħra ta' fondi għall-bejgħ fil-futur. L-Awtorità żżomm id-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda neċessarja għal din l-iskema billi tippubblika dawn l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

15. Allokazzjonijiet tal-Postijiet

L-applikanti jiġu mitluba sabiex jindikaw fuq l-applikazzjoni l-postijiet li ghalihom huwa qed japplikaw – dan issir f'forma ta' preferenza. Postijiet mhux indikati fl-applikazzjoni ma jiġux ikkunsidrati ma' l-għazla ta' l-applikanti. Madanakollu l-Awtorità tad-Djar tirriserva d-dritt li, fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, f'każijiet umanitarju u sabiex jitnaqqas perikolu jew tbatija lill-applikant, tista talloka fond mhux indikat fl-għazla ta' l-applikant.

16. Perjodu ta' Applikazzjonijiet

L-Applikazzjonijiet jistgħu:-

(a) jinġabru mill-Awtorità tad-Djar 22 Triq Pietro Floriani Floriana, jew 25, Triq Enrico Mizzi, Rabat Għawdex bejn il-Ħadd 11 ta' Novembru 2007 u t-Tlieta 11 ta' Diċembru, 2007, iż-żewġ dati inklużi.

(b) jiġu ritornati fl-istess post kif ġej:-

Data	Kunjom ta' l-Applikanti li jibda bl-ittra:
Is-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' Novembru 2007	A sa Z
Mit-Tnejn 26 sa l-Erbgħa 28 ta' Novembru, 2007	A,B,C,D,E,F,G,H
Il-Ħamis 29, il-Ġimgħa 30 u t-Tnejn 3 ta' Diċembru, 2007	I,J,K,L,M,N,O,P,Q,R,S
It-Tlieta 4 sal-Ħamis 6 ta' Diċembru, 2007	T,U,V,W,X,Y,Z

Il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru, it-Tnejn 10 u t-Tlieta 11 ta' Diċembru 2007 jintlaqgħu applikazzjonijiet li ma jkunux ġew milqugħa fil-ġranet stipulati minħabba xi raġuni jew oħra.

Id-9 ta' Novembru, 2007

HOUSING AUTHORITY

Advert Number 3 - Shared Ownership

Conditions for the Sale Under Shared Ownership, of Apartments and Maisonettes and Garages, (where applicable) in Various Localities in Malta and Gozo

1. Amount of Units, Localities, Prices and Subsidy element

The amount of units and their localities are detailed in ***Skeda* 1** which also indicates the price of the units.

2. Category allocation of each unit

The category of applicants to whom each unit is intended for allocation are shown in ***Skeda 1.***

The premises issued under this advert will be allocated as follows:-

35% of the premises to applicants who are married couples and/or single parents (even if unmarried);
45% of the premises to engaged couples;
10% of the premises to single people, widow/widower, separated persons without children living with them. Single persons who have spent a period of time in an institution and who have left the institution to live independently or were fostered and separated or de facto separated applicants who do not possess custody of the children but said children live with applicants fro some days during the week.
10% of the premises to two adults applying together

Under each category, the Authority first allocates up to 10% of the units which are reserved to applicants who either themselves or any member of their family have a physical or intellectual disability as well as persons who are suffering or suffered from chronic mental illness and who in certain cases are in possession of a special I.D Card issued by the National Commission for Persons with a Disability. If there are more applicants which exceed the amount reserved for disabled persons, those disabled persons who have not been allocated a unit will compete with the other applicants according to the number of points attained by them.

3. Who Can Apply

The following categories of persons, who on the date of the first publication on this advert in the Government Gazette, can apply for the acquisition of premises and where applicable for a garage, assimilated with it:-

(a) married couples;
(b) single parent with a son/daughter or unmarried children living with him/her (persons who are expecting a baby and said baby is born prior the publication of the final list of points can qualify under this advert);
(c) a disabled person who can be married, engaged, separated, widow/widower or living by himself/herself;
(d) engaged couples applying together.
(e) single persons.
(f) a separated person without children living with her/him.
(g) two adults applying together.

Applicants are to indicate on the application form under which category they are applying and cannot apply for more than one category.

4. Qualifications to Apply

On the 31st December, 2007 applicants should:-

(a) In case of engaged couples, married couples, single parent with a son/daughter or unmarried children living with him/her, separated persons, without children living with them be 21 years of age.

(b) In case of single persons, widow/widowers without children living with them be 28 years of age;

(c) In case of single persons who have spent a period of time in an institution and who have left the institution to live independently or were fostered, be 18 years of age;

(d) In all cases where either themselves or any member of their family have a physical or intellectual disability as well as persons who are suffering or suffered from chronic mental illness, be 18 years of age;

(e) In case of two adults applying together, be 28 years of age.

On the date of the first publication of this advert in the Government Gazette applicants must be:-

(f) Maltese Citizens and citizens of the EU. EU Citizens must be acquiring their first residence in Malta or in any EU country and must satisfy the criteria to purchase a property in Malta issued by any authority and/or by the Office of the Prime Minister. In the case of married couples only but not separated, one of the couple must be Maltese Citizen;

(g) have been permanently residing in Malta for at least 12 months in the previous 18 months;

(h) have never benefited from a premises issued for sale by this Authority by means of a Legal Notice or any assistance under what used to be known as the "Home Ownership Scheme", "Right to Buy" or a Scheme which encourages tenants to become owner occupiers; by the Department of Social Housing, Lands Department or other parastatal bodies and local Authorities for the encouragement of home ownership.

However where one of the applicants who is applying:-

(i) had broken the previous engagement on which basis the said applicant had so benefited from a subsidy on the interest on loan for the purchase of property bought from the private sector and/or from any subsidy on the selling price of premises issued for sale by the Housing Authority and one party of the couple had transferred to the other party the rights on property on which the subsidy was enjoyed (and the full subsidy had been refunded to the Authority according to the conditions of the advert on which the said subsidy was enjoyed)

(ii) had broken or had annulled the previous marriage either through a Court Decree pronouncing the separation or the annulment when on the basis of such marriage had benefited from any subsidy as indicated in clause (h) (i) and had transferred to the other party the rights on the property on which the subsidy was enjoyed, (and the full subsidy had been refunded to the Authority according to the conditions of the advert on which the said subsidy was enjoyed)

The party who had transferred his/her rights can apply under this Advert.

In the case when two persons have sold to third parties the property purchased from the private sector due to a broken engagement or marriage separation and said couples have been given subsidy on the property from the Housing Authority or the Department for Social Accommodation, both parties may apply separately or with third parties on condition that the full subsidy enjoyed has been refunded to the Authority according to the conditions of the advert on which the said subsidy was enjoyed.

But if two persons sold to third parties the property bought from this Authority, due to a broken engagement or marriage separation and all subsidies enjoyed were refunded to the Authority according to the conditions of the advert on which the said subsidy was enjoyed, both parties can apply separately or with third parties.

In these cases, Clause 4 sub-clause (h) does not apply as so far as this effects the property on which subsidy was enjoyed and refunded in full. Yet in these cases under sub-clause (h) the Authority will have the absolute discretion to refuse any application under this Advert and this where the Authority feels that there has been a speculation on the property that originally belonged to the Authority or on any other property on which a subsidy has been given.

(i) (i) had together, if it is the case, an aggregate annual income for the basic year which did not exceed the sum of eleven thousand Maltese Liri (Lm 11,000/€25,623) however the sum of eight thousand five hundred Maltese Liri (Lm8,500/€ 19,800) is not to be exceeded when single persons or separated persons apply on their own. The income will be calculated as per Clause 13 sub-clause (g) and /or

(ii) three years prior the date of the first publication of this Notice up till the date of eventual transfer of the premises under this Notice do not have in their possession capital assets exceeding ten thousand Maltese Liri (Lm10,000/€23,293), and in the case of single persons or separated persons applying on their own, the assets should not exceed four thousand Maltese Liri (Lm4,000/€9,317) after deducting seven thousand Maltese Liri (Lm7,000/€16,306) for the finishing of the unit purchased under this advert. These assets consist of:-

Banks Accounts, fixed deposits and **funds;** These will be verified through the banks. All prospective beneficiaries must sign a form giving their consent to the banks to forward this information to the Authority.

Businesses and any **profits** deriving thereof are included as capital assets and these will be verified through the VAT Department. Likewise **retail outlets** and **shops** will be verified via the Trading Licence Department. Shares owned by applicants will be verified through Malta Financial Services Authority. Such businesses and shares will be valued according to normal practices.

Land and **property** that may easily be transferred will be verified by the Authority through the Public Registry. **Notes of Succession** and inherited assets will be verified via the Inland Revenue and Causa Mortis via the Public Registry. In the case of property being used for the business from which the applicant earns his main income, the first Lm 15,000 / € 34,941 of such property will not be included to the value of the assets.

Any overriding of the seventeen thousand Maltese Liri (Lm17,000/€39,599), and in the case of single person the sum of eleven thousand (Lm11,000/€25,623) limit on capital assets, however small, would automatically effect one's eligibility to qualify for the purchase of a premises under this advert.

(j) Three years prior the date of the first publication of this Advert in the Government Gazette up till the date of the notification of the allocation of premises:-

- did not have immovable unbuilt property either in whole or in part ownership, either on their own or in partnership, on absolute ownership or on perpetual emphyteusis and on which a building permit for habitation purposes has been issued or can be issued by the Malta Environment and Planning Authority.

- did not have in full ownership or in part ownership, either alone or together with others, premises suitable for habitation purposes or on perpetual emphyteusis or on temporary emphyteusis of more than 40 years duration from date of original constitution of the emphyteutical grant of the said temporary emphyteusis.

- did not possess holdings or shares in any commercial body which after the date of the first publication of this Advert in the Government Gazette has immovable property or as mentioned in the two preceding sub-paragraphs.

However an applicant will not be disqualified under this article for the simple reason that he possesses property as detailed in paragraph (j) if in the absolute discretion of the Housing Authority the occupied premises are not adequate for accommodation of the applicant/s and his family, or because of legal, technical or logistic problems cannot be used for habitation or disposed off in a relatively short period so as to ascertain its value.

THE HOUSING AUTHORITY RESERVES THE RIGHT TO MAKE THE NECESSARY VERIFICATIONS ON THE APPLICANTS COVERING THE LAST FIVE YEARS PRIOR DATE OF THIS ADVERT, AND ALSO RESEVES THE RIGHT ON ITS OWN DISCRETION TO DISQUALIIFY APPLICANTS IF IS RESULTS THAT THESE APPLICANTS HAVE SOLD THEIR PROPERTY IN ORDER TO QUALIFY UNDER THIS ADVERT.

5. Validity of the Application

To be valid the application must satisfy the following requirements:-

(a) the application must be made on the prescribed form and must be duly and completely filled;

(b) the application must be signed by all applicants;
(c) the application must be presented personally by the applicant, together with all necessary documents;

(d) the application made by a married but separated person or made by a person whose civil status has been changed after the marriage must be accompanied by an authenticated deed of separation or by a Decree of the Competent Court. In case of a Decree in first instance, a declaration is to be attached stating that decree has been accepted and no appeal has been registered in the Appeal's Court.

After the closing date of the applications no other documents and/or additional information will be accepted.

Applications containing false or incorrect information may be disqualified at the sole and final discretion of the Housing Authority and this at any time even after the premises has been allocated under this advert. This will come in force after the assessments made by the said Authority to ascertain the genuineness of the case.

6. Allocation of Units

The units will be allocated under the points system as explained in ***Skeda 2***.

7. Conditions of Sale

The property sold by the Authority to its beneficiaries is subject to the conditions laid down in ***Skeda 3.***

8. Assistance which may be granted to beneficiaries

An applicant who benefits under this notice and is allocated a premises, may qualify for:-

(i) assistance to help the beneficiary render the premises accessible to persons with a disability as laid down in ***Skeda 4***.

9. Residents Association

Applicants who are allocated apartments under this notice have the obligation to form part of a Residents Association as laid down in ***Skeda 5***, provided these conditions are not in conflict with the provisions of the Law regulating Condominiums (Act 29 of 1997).

10. Lists

A list of all applications received shall be exhibited on the Notice Board of the Housing Authority at the Habitat Hall, Filippo Sciberras Square, Floriana; if there are applicants from Gozo, on the Notice Board of the Housing Authority at 25, Enrico Mizzi Street, Victoria, Gozo. Applicants whose names do not appear on the said lists should write, on the prescribed form, to the Chairman of the Housing Authority Board. Any representation in this respect is to be made in writing, addressed to the Chairman and delivered by hand at the Housing Authority up to seven (7) working days from the publication of the said lists.

As soon as the necessary processing work has been completed a list of all valid and invalid applications will be exhibited on the Notice Board of the Housing Authority, Floriana. Interested persons will be entitled to object in writing on a prescribed form which may be obtained from the Housing Authority. Applicants from Gozo can see the official notices at the Housing Authority Branch at 25, Enrico Mizzi Street, Victoria, Gozo. Any objection in this respect is to be made on the prescribed forms, addressed to the Chairman and delivered by hand at the Housing Authority up to seven (7) working days from the publication of the said lists.

A bills payable amounting to ten Maltese Liri (Lm10/€23.29) in the name of the Chairman Housing Authority should be attached to this objection, as administration charge. No objection will be considered without this payment. This amount will be refunded only and when the Housing Authority Appeals Board studies and accepts the objection made by the applicants.

The Housing Authority shall draw up lists of names of applicants (Reserve Lists) for these same premises and garages so that those premises and garages which are either refused or vacated by applicants who are chosen first will be offered to applicants in reserve. Reserve Lists will be compiled on the order of merit according to the points awarded to the applicants in the relative clause and shall remain valid until all units are allocated. Those persons whose names appear on these Reserve Lists shall be entitled to apply for any advert issued by the Housing Authority, however, in the event of their benefiting from some other application, their names shall be automatically deleted from these Reserve Lists.

In those cases where applicants under the same category obtain the same amount of points, the Authority reserves the right to hold a ballot in public in order to establish the order of merit amongst those applicants who obtained the same amount of points.

11. Objection Forms

The only objection forms that are acceptable will be those issued by the Housing Authority.

12. Plans of Premises and Applications Forms

The development plans of the premises quoted in this notice and the relevant application form will be for sale on Sunday 11th November 2007, Saturday 17th and Sunday 18th November 2007 and Saturday 24th and Sunday 25th November 2007 between 9.00 a.m and 4.00 p.m. Representatives from the Housing Authority will be in attendance to assist the prospective applicants. The Housing Authority starts accepting the applications from Saturday and Sunday 24th and 25th November 2007 between 9.00 a.m and 4.00 p.m.

13. Definition of terms

Throughout the Notice:

(a) unless otherwise stated, the word 'advert' means 'Advert Number 3 – Shared Ownership ' which appears in this Government Gazette;

(b) unless otherwise stated, the masculine shall imply the feminine and the feminine shall imply the masculine and the singular shall imply the plural and the plural shall imply the singular.

(c) unless otherwise stated, the word 'Authority' means the 'Housing Authority'.

(d) the word 'applicant' shall imply those who apply under this Notice and in the case of married couples who are not separated and engaged couples, means the married couples *in solidum* and the engaged couples *in solidum.*

(e) the word 'bank and financial institutions' have the same definition given to it in the Act of Commercial Banking (Act No XV of 1994).

(f) the word 'beneficiary' means every person who benefits under this Notice.

(g) the terms 'aggregate annual income' includes:

(i) the gross income from any occupation, pay and/or salary, pension and/or other social benefits (excluding children's allowance) earned by the applicants during the basic preceding calendar year are taken in full. When the application is made by two applicants, for the purpose of this paragraph, in determining the aggregate annual income of the applicants, the income of the higher earner will be considered in full but only one third (1/3) of the gross income of the applicant earning the least will be taken into consideration. But, in case when one of the joint applicants has worked during part of the said basis year only and is gainfully employed on the date of application, a projected income for that particular year shall be worked out in each case.

(ii) the applicant's income and those of his wife during the basic calendar year from capital assets such as; bank deposits, stocks, shares, loans, rents, investments in commercial enterprises, other investments in property, including capital gains;

(iii) from the gross annual income the National Insurance Contributions paid by applicant/applicants will be deducted.

(iv) 25% only of income earned from overtime.

(v) for the purpose of this advert, the aggregate annual income of the applicants shall be the income of the applicant/s determined in accordance with the foregoing paragraphs of this article. Yet the Authority shall not be bound to accept any declaration, documents or information given to it by the applicants or beneficiaries under this Scheme, should it reasonably consider such declaration, documents or information incorrect or untrue.

(vi) in case where the wages/salaries of the applicants are deposited by direct credit to their bank accounts, the Housing Authority does not include with the amount of assets of the applicants, the last salary of the calendar year.

(vii) from the gross annual income of a separated or de facto separated applicant, any amount paid to the other part as alimony will be deducted

The Chairman of the Authority may refuse to accept any declaration of income of the applicants if, in her absolute discretion decides that this is incorrect or untrue.

In this case the Chairman is to refer the matter to the Appeals Board of the Housing Authority appointed by the Housing Authority Board, in order to establish the income of the applicants/beneficiaries. The decision of the Appeals Board will be final and shall bind both the Authority and the applicants/beneficiaries. The applicants/beneficiaries effected by this provision have the right to make written objections to the Appeals Panel.

(h) the term 'household' means the applicant and those members of the family who intend to live with him in the premises allocated under this Notice.

(i) the terms 'basic year' means the year 2006.

(j) the term 'working hours' means from 8.00 to 1.00 p.m. between 16th June and 30th September, and from 8.00 a.m. to 12.00 p.m. and from 1.30 to 3.30 p.m. of every working day between 1st October and 15th June.

(k) the word 'family' includes wife or husband of applicant who are not separated and the offspring of the applicant who are not married.

(l) the term 'deed of acquisition' means the notarial act with which the Authority transfers to the beneficiary the premises under this Notice; and in those cases whereby the Authority does not have the legal title of the land on which the premises are built, the notarial act with which the beneficiary is given possession of the premises after the payment of the full price according to this Notice.

(m) *Skedi* 1 to 5 form an integral part of these Regulations.

14. Additional Information

The Housing Authority wishes to notify that these conditions are at the absolute discretion of the Authority and apply for this Advert only. The Authority does not bind itself to retain similar conditions for future issues for sale of apartments.

15. Allocations of Units

Mtarfa (Sister Quarters/ Dar il-Kaptan)	278	App. 4 Ent. F Binja Msieraħ Triq l-Imtarfa (W.A)	Pjan Terren Elevat	1	C/C1/D	37,000	86,187	Car Space 1	4,200	9,783
Mtarfa (Sister Quarters/ Dar il-Kaptan)	279	App. 7 Ent. F Binja Msieraħ Triq l-Imtarfa (W.A)	L-Ewwel Sular	2	C1/D/C	45,500	105,987	Car Space 22	4,200	9,783
Mtarfa (Sister Quarters/ Dar il-Kaptan)	280	App. 8 Ent. F Binja Msieraħ Triq l-Imtarfa (W.A)	L-Ewwel Sular	2	C1/C/D	44,000	102,492	Car Space 23	4,200	9,783
Mtarfa (Sister Quarters/ Dar il-Kaptan)	281	App. 12 Ent. F Binja Msieraħ Triq l-Imtarfa (W.A)	It-Tieni Sular	2	C1/C/D	44,000	102,492	Car Space 33	4,200	9,783
Paola (Tax-Xewk)	282	App. 3 Ent. B Plots 56 - 58 Triq ix-Xewk (W.A)	It-Tieni Sular	2	C1/D/C	43,000	100,163	3	7,500	17,470
Paola (Tax-Xewk)	283	App. 1 Plot 30 Triq tax-Xewk	L-Ewwel Sular	2	C1/D/C	39,500	92,010	-	-	-
Paola (Tax-Xewk)	284	App. 2 Plot 30 Triq tax-Xewk	It-Tieni Sular	2	C1/C/D	39,500	92,010	-	-	-
Pembroke (Site A)	285	App. 2 Blk. A4 Triq Pietru D'Armenia (W.A)	Pjan Terren	2	C1/D/C	47,000	109,481	65	8,400	19,567

A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
Lokalità	Code	Appartament	Sular	Kmamar tas-sodda	Kategorija	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Appartament (LM)	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Appartament (EWRO)	Numru tal-Garaxx	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Garaxx (LM)	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Garaxx (EWRO)
Pembroke (Site A)	286	App. 3 Blk. A4 Triq Pietru D'Armenia (W.A)	Pjan Terren	2	C1/C/D	47,500	110,645	66	8,400	19,567
Pembroke (Site A)	287	App. 14 Blk. A6 Triq Pietru D'Armenia (W.A)	It-Tielet Sular	2	C1/D/C	43,500	101,328	19	6,400	14,908
Pembroke (Site A)	288	App. 18 Blk. A6 Triq Pietru D'Armenia (W.A)	It-Tielet Sular	1	C/D/C1	37,500	87,352	47	5,400	12,579
San Lawrenz (Għawdex)	289	App. 2 Blk. C Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri	It-Tieni Sular	2	C1/D/C	47,500	110,645	B2	5,400	12,579
San Lawrenz (Għawdex)	290	App. 2 Blk. D Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri (W.A)	It-Tieni Sular	2	C1/A/D	46,000	107,151	C2	5,800	13,510
San Lawrenz (Għawdex)	291	App. 3 Blk. E Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri (W.A)	Penthouse	2	C1/C/D	53,500	124,622	D10	5,600	13,045
Żebbuġ	292	App. 2 Plot 31 Triq Ġdida fi Triq Indipendenza	It-Tieni Sular	2	C1/D/C	41,000	95,504	2	7,000	16,306
Żejtun	293	App. 1 Plot 10 Triq il-Kastellani	L-Ewwel Sular	1	C/C1/D	32,500	75,705	-	-	-
Żurrieq (Ta' Ciantar)	294	App. 2 Plot 9 Vjal l-Indipendenza	L-Ewwel Sular	2	C1/D/C	38,500	89,681	-	-	-

B2. PREZZIJIET TAL-MAISONETTES RISERVATI GĦALL-KATEGORIJA 'C & C1'

A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
Lokalità	Code	Maisonette	Sular	Kmamar tas-sodda	Kategorija	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Maisonette (LM)	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Maisonette (EWRO)	Numru tal-Garaxx	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Garaxx (LM)	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Garaxx (EWRO)
San Lawrenz - Blk. A Binja Tieqa tad-Dwejra Triq il-Ġebla tal-Ġeneral (W.A)	295	A5	L-Ewwel Sular	2	C1/D/C	48,500	112,975	A7	7,600	17,703
San Lawrenz - Blk. A Binja Tieqa tad-Dwejra Triq il-Ġebla tal-Ġeneral (W.A)	296	A7	Pjan Terren	2	C1/D/C	47,000	109,481	A9	5,600	13,045
San Lawrenz - Blk. B Binja Tieqa tad-Dwejra Triq il-Ġebla tal-Ġeneral	297	B1	It-Tieni Sular	2	C1/C/D	50,000	116,469	A2	5,400	12,579
Żejtun - Plot 10 Triq il-Kastellani (W.A)	298	10A	Pjan Terren	1	C/C1/D	26,500	61,728	-	-	-

B1. PREZZIJIET TA' L-APPARTAMENTI RISERVATI GĦALL-KATEGORIJA 'D'

A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
Lokalità	Code	Appartament	Sular	Kmamar tas-sodda	Kategorija	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Appartament (LM)	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Appartament (EWRO)	Numru tal-Garaxx	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar- Garaxx (LM)	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Garaxx (EWRO)
Kirkop	299	App. 2 Ent. B Binja Fieres Triq San Remiġ (W.A)	Pjan Terren	2	D/C1/C	42,000	97,834	A2	5,500	12,812
Kirkop	300	App. 3 Ent. B Binja Fieres Triq San Remiġ (W.A)	L-Ewwel Sular	2	D/C1/C	41,000	95,504	A4	5,200	12,113
Kirkop	301	App. 7 Ent. C Binja Fieres Triq tal-Fieres (W.A)	It-Tielet Sular	2	D/C1/C	45,500	105,987	B6	6,000	13,976
Marsascala (Ġebel l-Abjad)	302	App. 2 Ent. 1 Binja Salini Triq Thomas Ashby	Pjan Terren	2	D/C1/C	41,000	95,504	17	6,000	13,976
Marsascala (Ġebel l-Abjad)	303	App. 6 Ent. 1 Binja Salini Triq Thomas Ashby	It-Tieni Sular	2	D/C/C1	40,000	93,175	16	7,800	18,169
Marsascala (Ġebel l-Abjad)	304	App. 4 Ent. 3 Binja Salini Triq Is-Sikka (W.A)	L-Ewwel Sular	1	D/C/C1	36,000	83,857	8	5,800	13,510
Mellieħa (Ta' Penellu)	305	App. 1 Ent. B Binja Mizieb Triq Louis Wettinger (W.A)	Pjan Terren Elevat	2	D/A/C1	43,500	101,328	2	14,500	33,776
Mtarfa (Sister Quarters/Dar il-Kaptan)	306	App. 6 Ent. A Binja Msieraħ Triq l-Imtarfa (W.A)	L-Ewwel Sular	2	D/C1/C	45,000	104,822	19	6,000	13,976
Mtarfa (Sister Quarters/Dar il-Kaptan)	307	App. 11 Ent. F Binja Msieraħ Triq l-Imtarfa (W.A)	It-Tieni Sular	2	D/C1/C	45,500	105,987	Car Space 26	4,200	9,783
Paola (Tax-Xewk)	308	App. 1 Ent. B Plots 56 - 58 Triq ix-Xewk (W.A)	L-Ewwel Sular	2	D/C1/C	45,000	104,822	1	7,000	16,306
Paola (Tax-Xewk)	309	App. 2 Ent. B Plots 56 - 58 Triq ix-Xewk (W.A)	L-Ewwel Sular	2	D/C1/C	44,500	103,657	2	7,000	16,306
Pembroke (Site A)	310	App. 2 Blk. A3 Triq Pietru D'Armenia (W.A)	Pjan Terren	2	D/A/C1	47,500	110,645	45	8,400	19,567
Pembroke (Site A)	311	App. 3 Blk. A3 Triq Pietru D'Armenia (W.A)	Pjan Terren	2	D/C1/C	47,000	109,481	46	8,400	19,567
Pembroke (Site A)	312	App. 10 Blk. A5 Triq Pietru D'Armenia (W.A)	It-Tieni Sular	2	D/C1/C	43,500	101,328	31	6,200	14,442
San Lawrenz (Għawdex)	313	App. 1 Blk. B Binja Tieqa tad-Dwejra Triq il-Ġebla tal-Ġeneral (W.A)	It-Tieni Sular	2	D/C1/C	46,500	108,316	A25	5,600	13,045
San Lawrenz (Għawdex)	314	App. 1 Blk. D Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri (W.A)	It-Tieni Sular	2	D/C1/C	46,000	107,151	C12	5,600	13,045
San Lawrenz (Għawdex)	315	App. 1 Blk. E Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri (W.A)	It-Tieni Sular	2	D/C1/C	46,000	107,151	D3	5,800	13,510
San Lawrenz (Għawdex)	316	App. 2 Blk. E Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri (W.A)	It-Tieni Sular	2	D/C1/C	46,000	107,151	D8	5,600	13,045
Żebbuġ (Tal-Għattuqa)	317	App. 2 Numru 35 Triq il-Qolla	Pjan Terren	2	D/C1/C	38,000	88,516	1	8,800	20,499
Żejtun	318	App. 2 Plot 10 Triq il-Kastellani	It-Tieni Sular	1	D/C/C1	32,500	75,705	-	-	-
Żurrieq	319	App. 1 Numru 25 Triq Santa Klementina (W.A)	Pjan Terren Elevat	2	D/C1/C	42,000	97,834	3	6,000	13,976
Żurrieq (Ta' Ciantar)	320	App. 4 Plot 9 Vjal L-Indipendenza	It-Tieni Sular	2	D/C1/C	38,500	89,681	-	-	-

B2. PREZZIJIET TAL-MAISONETTES RISERVATI GĦALL-KATEGORIJA 'D'

A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
Lokalità	Code	Maisonette	Sular	Kmamar tas-sodda	Kategorija	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Maisonette (LM)	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Maisonette (EWRO)	Numru tal-Garaxx	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar-Garaxx (LM)	Valur Stabbilit mill-Awtorità tad-Djar - Garaxx (EWRO)
San Lawrenz - Blk. B Binja Tieqa tad-Dwejra Triq il-Ġebla tal-Ġeneral (W.A)	321	B4	Pjan Terren	2	D/C1/C	47,000	109,481	A18	7,400	17,237
San Lawrenz - Blk. B Binja Tieqa tad-Dwejra Triq il-Ġebla tal-Ġeneral (W.A)	322	B5	L-Ewwel Sular	2	D/C1/C	49,000	114,139	A21	5,800	13,510
San Lawrenz - Blk. B Binja Tieqa tad-Dwejra Triq il-Ġebla tal-Ġeneral	323	B6	L-Ewwel Sular	2	D/C1/C	49,000	114,139	A20	5,800	13,510
San Lawrenz - Blk. C Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri	324	C5	L-Ewwel Sular	2	D/C1/C	49,500	115,304	B10	5,400	12,579
San Lawrenz - Blk. C Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri	325	C7	Pjan Terren	2	D/C1/C	46,500	108,316	B8	5,400	12,579
San Lawrenz - Blk. C Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri	326	D1	It-Tieni Sular	2	D/C1/C	50,500	117,633	C13	5,600	13,045
San Lawrenz - Blk. C Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri (W.A)	327	D5	L-Ewwel Sular	2	D/C1/C	48,500	112,975	C11	5,600	13,045
San Lawrenz - Blk. C Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri (W.A)	328	E6	L-Ewwel Sular	2	D/C1/C	48,500	112,975	D6	5,800	13,510
San Lawrenz - Blk. C Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri (W.A)	329	E7	Pjan Terren	2	D/C1/C	47,000	109,481	D7	5,800	13,510
San Lawrenz - Blk. C Binja Tieqa tad-Dwejra Triq it-Torri	330	E10	It-Tieni Sular	2	D/C1/C	50,000	116,469	D12	10,500	24,458
Żurrieq - Plot 4 Vjal L-Indipendenza (W.A)	331	1	Pjan Terren	2	D/C1/C	38,500	89,681	2	7,500	17,470

SKEDA 2

Allokazzjoni bis-sistema tal-punti

Il-fondi jiġu allokati lill-applikanti skond il-kategoriji li għalihom huma applikabbli u skond sistema ta' punti kif spjegat hawn taħt:

ĠENITUR WIEĦED U KOPPJI MIZZEWĠIN - Kategorija A;

		Punti
A.	**Applikazzjoni ta' qabel:**	
	Jekk applikant kien applika bla suċċess mingħand l-Awtorità għall-akkommodazzjoni ta' fond u din l-applikazzjoni kienet valida, jingħataw, għal kull applikazzjoni valida sottomessa mingħajr suċċess:	**5**
	Però, jekk l-applikant ġie offrut l-allokazzjoni ta' fond indikat fil-formola ta' l-applikazzjoni anke jekk mhux bħala l-ewwel għażla tiegħu, u dan ġie rifjutat mill-applikant, ma jingħatax punti għal dik l-applikazzjoni. Oltre dan, ma jingħatawx punti għal kull applikazzjoni li setà kellu l-applikant qabel dik rifjutata minnu.	
B.	**Membri tal-Familja**	
1(a)	Għal kull wild li ma jkunx miżżewweġ li fid-data meta ġie ppubblikat dan l-avviż kien qed jgħix ma' l-applikant u	
	(i) Ikollu età taħt is-sentejn:	**5**
	(ii) Ikollu età fuq is-sentejn iżda inqas minn disa' snin:	**10**
	(iii) Ikollu età fuq id-disa' snin iżda inqas minn tmintax-il sena:	**15**
	(iv) ikollu età ta' tmintax-il sena jew aktar u jidher fl-aħħar ħames ħarġiet tar-Reġistru Elettorali li joqgħod flimkien mall-applikant:	**5**
	(v) Twelid ta' tarbija qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-lista finali tal-punti: Irid jiġi pprovdut ċertifikat tat-twelid kif titwieled it-tarbija	**5**
1 (b)	Jekk l-applikant ikollu tfal ta' sess differenti jingħata għal darba waħda biss: **Nota:** F'kategorija "A" Skeda 1, ulied l-applikant li fid-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż ma jkunux miżżewġin, imma għal xi raġuni serja ħafna, ma jkunux joqgħodu ma' l-applikant, jistgħu jiġu kkunsidrati għal skopijiet ta' punti taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:-	**5**
	(i) Każi bħal dawn għandhom ikunu sostanzjati b'dawk id-dokumenti kollha, kunfidenzjali u mhumiex, li l-Awtorità tad-Djar jidrilha li jkunu neċċessarji, inklużi dokumenti tal-Pulizija, tad-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Soċjali, Awtoritajiet tal-Psychiatric Unit tal-Isptar Monte Carmeli u/jew ta' l-Isptar San Luqa, ta' periti, eċċ.	
	(ii) Spejjeż li jistgħu jsiru għall-ġbir ta' xi dokumenti skond (i) hawn fuq ikunu a karigu ta' l-applikant.	
	(iii) Għal skopijiet ta' punti f'dan l-Avviż, l-ulied in kwistjoni jiġu kkunsidrati li qed jgħixu ma' l-applikant, bil-kundizzjoni li l-applikant jintrabat, bil-miktub quddiem ix-xhieda, li, jekk jingħata fond mill-Awtorità tad-Djar taħt dan l-Avviż, fi żmien ta' mhux aktar minn xahrejn mid-data ta' l-okkupazjoni tal-fond, dawn l-ulied kollha jiġu meħuda minn fejn qed jgħixu bħalissa u jmorru jgħixu miegħu, a spejjeż tiegħu.	

C. Akkommodazzjoni Preżenti

Sub-Paragrafi (a), (b), (c), (d), (e),(f), (g) u (h) fejn applikabbli jingħaddu f'daqqa.

(a)	Jekk l-applikant jiddikjara li joqgħod ma' terzi persuni jingħata:	**10**
	Inoltre jekk l-applikant deher li joqgħod ma' terzi persuni fil-Ħarġiet tar-Reġistru Elettorali ta' Ottubru 2004, April 2005, Ottubru 2005, April 2006, Ottubru 2006, u April 2007 ma jkunx l-inkwilin rikkonoxxut jew il-propretarju u ma jkollux titolu jingħata:	**20 extra**
(b)	Għal kull persuna eskluż l-applikant, mart/żewġ l-applikant u wlied l-applikant, imma inklużi ġenitur/ ġenituri, neputi/ neputijiet (*grandson/granddaughter*) jew tifel/tifla/tfal *fostered* li mhux miżżewġin u, fid-data tal-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż skond l-aħħar sitt ħarġiet tar-Reġistru Elettorali tgħix fl-istess dar ma' l-applikant, imma jew fl-istess data għadha ma għalqitx is-sittax-il sena skond il-karta ta' l-Identita' tal-ġenituri jew *tutor* legali tagħha; jew fid-data imsemmija tkun għalqet is-sittax-il sena imma ma għalqitx it-tmintax-il sena sad-data ta' egħluq iż-żmien biex tilħaq tiġi nkluża fl-aħħar ħarġa tar-Reġistru Elettorali u jgħix/u fl-istess residenza ta' l-applikant jingħataw:	**bejn 5 u 15**
(c)	Jekk il-fond fejn jabita l-applikant għandu :-	
	Xejn kmamar abitabbli:	**50**
	Kamra waħda biss abitabbli:	**40**
	Żewġt (2) ikmamar abitabbli:	**30**
	Tlett (3) ikmamar abitabbli:	**20**
	Erbgħat (4) ikmamar abitabbli:	**10**
	Ħamest (5) ikmamar abitabbli (jew aktar):	**0**
	(Għal skopijiet ta' għoti ta' punti "kamra abitabbli" tfisser kamra ta' mhux anqas minn sebgħa (7) metri kwadri iżda mhux aktar minn dsagħtax (19)-il metru kwadru basta dawn il-kmamar ma jkunux jintużaw bħala kmamar tal-banju. Kamra li tintuża bħala passaġġ minn ġot-triq għall-bqija tad-dar jitnaqqsulha tlett (3) metri kwadri mill-area tagħha qabel ma jiġi determinat jekk hix kamra abitabbli jew le. Kull kamra ta' aktar minn 19-il metru kwadru titqies bħala żewġt ikmamar abitabbli).	
	Jekk l-applikanti jkollhom ir-residenza li tikkwalifika għall-kamra waħda abitabbli u għandha *floor area* ta' 35 metri kwadri jew anqas jingħataw:	**5 extra**
	Jekk l-applikanti jkollhom ir-residenza li tikkwalifika għal żewġt ikmamar abitabbli u għandha *floor area* ta' 45 metri kwadri jew anqas jingħataw:	**5 extra**
	Jekk l-applikanti jkollhom ir-residenza li tikkwalifika għal tlett ikmamar abitabbli u għandha *floor area* ta' 60 metri kwadri jew anqas jingħataw:	**5 extra**
	Jekk l-applikanti jkollhom ir-residenza li tikkwalifika għall-erbat ikmamar abitabbli u għandha *floor area* ta' 70 metri kwadri jew anqas jingħataw	**5 extra**
(d)	Applikanti li jkollhom medja ta' aktar minn 2.9 persuna jgħixu f'kull kamra abitabbli tad-dar fejn joqgħodu, u dan indipendentement minn jekk l-applikanti humiex sidien jew kerrejja rikonoxxuti jew le, jingħataw:	**50**

(e)	Jekk il-fond fejn jabita l-applikant huwa bini perikoluż:-	**50**
	(Biex post jiġi dikjarat perikoluż, il-periklu jrid ikun ta' natura strutturali estensiva f'tali mod li jirrendi l-post mhux abitabbli fil-maġġor parti tiegħu. Minkejja li *Claim* ta' din ix-xorta għandha tiġi sostanzjata minn ċertifikat ta' perit mhux maħruġ aktar minn tliet (3) xhur qabel id-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, l-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tinvestiga l-post in kwistjoni. F'każ ta' hekk, id-deċiżjoni ta' l-Awtorità tad-Djar tkun finali).	
(f)	Jekk il-fond fejn jabita l-applikant huwa *substandard* fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Awtorità tad-Djar :-	**50**
(g)	Jekk il-fond fejn jabita l-applikant mhux adekwat għall-akkomodazzjoni residenzjali ta' l-applikant/i u l-familja tiegħu/tagħhom u din fid-diskrezzjoni assoluta u finali ta' l-Awtorità tad-Djar:	**30**
(h)	Jekk l-applikant joqgħod ġo fond mikri u hu l-kerrej konoxxut jingħata punti skond il-valur tal-kera wara verifikazzjoni ta' riċevuti tal-kera jew kuntratt ta' kera. Punti jingħataw fuq l-ammont annwali ta' kera imħallsa mill-applikant skond kif ġej:-	
	Bejn Lm 0 sa Lm 200 fis-sena	**10**
	Bejn Lm 201 sa Lm 400 fis-sena	**20**
	Bejn Lm 401 sa Lm 600 fis-sena	**30**
	Minn Lm 601 il-fuq	**40**

D. Persuni b'Diżabilità Mentali u/jew Fizika

Għall-applikant innifsu u/jew għal martu u/jew uliedu mhux miżżewġin, li jgħixu fl-istess dar miegħu u li, skond ir-Reġistri Elettorali Ottubru 2004, April 2005, Ottubru 2005, April 2006 u Ottubru 2006, April 2007 ilhom jagħmlu dan ta' lanqas minn Settembru 2004, u/jew anke għall-applikant stess, li jkun persuna b'Diżabilità kemm fiżika, intelletwali kif ukoll persuna li ssofri jew sofriet minn mard kroniku mentali tingħata:	**10 għal kull wieħed**

E. Applikanti b'Diżabilità jew Invalidi

Għall-applikant innifsu u/jew għal martu u/jew uliedu mhux miżżewġin, li jgħixu fl-istess dar miegħu u li, skond ir-Reġistri Elettorali Ottubru 2004, April 2005, Ottubru 2005, April 2006, Ottubru 2006, April 2007 u ilhom jagħmlu dan ta' lanqas minn Settembru 2004, sakemm dawn ma jkunux taħt is-sentejn fid-data tal- pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż li skond ċertifikat ta' speċjalista mediku, għandha marda li ser tirrendiha b'diżabilità u/jew invalida fi żmien ħames snin mid-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż, jingħataw:	**10 għal kull wieħed**

Iżda dawk il-persuni li isimhom ma jidhirx fir-Reġistru Elettorali għax m'humiex intitolati għall-vot jiġu kkunsidrati.

F. Applikant Ġenitur wieħed

Applikant ġenitur wieħed li jkollu l-każ tiegħu dokumentat tajjeb għal tul ta' żmien mad-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Soċjali u/jew mill-Psychiatric Unit tal-Isptar Monte Carmeli /San Luqa, Aġenzija Appoġġ u ġġib dokument u jagħti l-kunsens tiegħu sabiex id-Dipartiment imsemmi joħroġ id-dokumenti kunfidenzjali oħra neċessarji lill-Awtorità tad-Djar, jista' jingħata:	**50**

G. Applikanti f'Impjieg

Applikanti jew wieħed mill-applikanti li kienu jaħdmu mill-anqas 6 xhur qabel il-pubblikazzjoni ta' l-avviż u li tali xogħol jista jsostni s-self, jingħataw:-	**100**

GĦARAJJES - Kategorija B

A. Età tal-għarajjes	**Punti**
Għal kull sena 'l fuq minn wieħed u għoxrin sena li jkollhom l-għarus u l-għarusa sal-31 ta' Diċembru 2007:	**1**

(Sa massimu ta' 15-il punt kull wieħed mill-koppja)

B. Applikazzjoni ta' qabel:

Jekk applikant kien applika bla suċċess mingħand l-Awtorità għall-akkommodazzjoni ta' fond u din l-applikazzjoni kienet valida, jingħataw, għal kull applikazzjoni valida sottomessa mingħajr suċċess:	**5**

Pero, jekk l-applikant ġie offrut l-allokazzjoni ta' fond indikat fil-formola ta' l-applikazzjoni anke jekk mhux bħala l-ewwel għażla tiegħu, u dan ġie rifjutat mill-applikant, ma jingħatax punti għal dik l-applikazzjoni. Oltre dan, ma jingħatawx punti għal kull applikazzjoni li setgħa kellu l-applikant qabel dik rifjutata minnu.

C. Membri tal-Familja

1(a)	Għal kull wild li ma jkunx miżżewweġ li fid-data meta ġie ppubblikat dan l-avviż kien qed jgħix ma' l-applikant u		
	(i)	Ikollu età taħt is-sentejn:	**5**
	(ii)	Ikollu età fuq is-sentejn iżda inqas minn disa' snin:	**10**
	(iii)	Ikollu età fuq id-disa' snin iżda inqas minn tmintax-il sena:	**15**
	(iv)	ikollu età ta' tmintax-il sena jew aktar u jidher fl-aħħar ħames ħarġiet tar-Reġistru Elettorali li joqgħod flimkien mall-applikant:	**5**
	(v)	Twelid ta' tarbija qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-lista finali tal-punti: (Irid jiġi pprovdut ċertifikat tat-twelid kif titwieled it-tarbija)	**5**
1 (b)	Jekk l-applikant ikollu tfal ta' sess differenti jingħata għal darba waħda biss:		**5**

Nota:

Ulied l-applikant li fid-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż ma jkunux miżżewġin, imma għal xi raġuni serja ħafna, ma jkunux joqgħodu ma' l-applikant, jistgħu jiġu kkunsidrati għal skopijiet ta' punti taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:-

(i) Każi bħal dawn għandhom ikunu sostanzjati b'dawk id-dokumenti kollha, kunfidenzjali u mhumiex, li l-Awtorità tad-Djar jidrilha li jkunu neċċessarji, inklużi dokumenti tal-Pulizija, tad-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Soċjali, Awtoritajiet tal-Psychiatric Unit tal-Isptar Monte Carmeli u/jew tal-Isptar San Luqa, ta' periti, eċċ.

(ii) Spejjeż li jistgħu jsiru għall-ġbir ta' xi dokumenti skond (i) hawn fuq ikunu a karigu ta' l-applikant.

(iii) Għal skopijiet ta' punti f'dan l-Avviż, l-ulied in kwistjoni jiġu kkunsidrati li qed jgħixu ma' l-applikant, bil-kundizzjoni li l-applikant jintrabat, bil-miktub quddiem ix-xhieda, li, jekk jingħata fond mill-Awtorità tad-Djar taħt dan l-Avviż, fi żmien ta' mhux aktar minn xahrejn mid-data ta' l-okkupazzjoni tal-fond, dawn l-ulied kollha jiġu meħuda minn fejn qed jgħixu bħalissa u jmorru jgħixu miegħu, a spejjeż tiegħu.

D. Persuni b'Diżabilità Mentali u/jew Fizika

Għall-applikant/a innifsu/innifisa jew uliedu li jkun/tkun persuna b'Diżabilità kemm fiżika, intelletwali kif ukoll persuna li ssofri jew sofriet minn mard kroniku mentali tingħata: **10 għal kull wieħed**

E. Applikanti b'Diżabilità jew Invalidi

Għall-applikant/a innifsu/innifisa jew uliedu ii skond ċertifikat ta' speċjalista mediku, għandu/ha marda li ser tirrendih/a b'Diżabilità u/jew invalidu/a fi żmien ħames snin mid-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż, jingħata/tingħata: **10 għal kull wieħed**

F. Djar tat-tfal

Applikanti li jkunu għalqu t-18-il sena sal-31 ta' Diċembru 2007 u li jkollhom dokumenti uffiċċjali li juru li jkunu ħarġu minn xi istituzzjoni residenzjali approvata mill-Awtorità tad-Djar sabiex jgħixu ħajja indipendenti jew li għal xi żmien kienu *fostered* jingħataw:- **100**

G. Applikanti f'Impjieg

Applikanti jew wieħed mill-applikanti li kienu jaħdmu mill-anqas 6 xhur qabel il-pubblikazzjoni ta' l-avviż u li tali xogħol jista jsostni s-self, jingħataw:- **100**

H. Vjolenza Domestika

100

Applikanti li jkunu soffrew jew qegħdin isofru minn vjolenza domestika jingħataw:

Każi bħal dawn għandhom ikunu sostanzjati b'dawk id-dokumenti kollha, kunfidenzjali u mhumiex, li l-Awtorità tad-Djar jidrilha li jkunu neċċessarji, inklużi dokumenti tal-Pulizija, tad-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Soċjali, eċċ.

ĠUVNI/XEBBA, SEPARAT/A U ROMOL MINGĦAJR TFAL JGĦIXU MAGĦHOM - Kategorija C u C1

A.	**Applikazzjoni ta' qabel:**	**Punti**
	Jekk applikant kien applika bla suċċess mingħand l-Awtorità għall-akkommodazzjoni ta' fond u din l-applikazzjoni kienet valida, jingħataw, għal kull applikazzjoni valida sottomessa mingħajr suċċess:	**5**
	Pero, jekk l-applikant ġie offrut l-allokazzjoni ta' fond indikat fil-formola ta' l-applikazzjoni anke jekk mhux bħala l-ewwel għażla tiegħu, u dan ġie rifjutat mill-applikant, ma jingħatax punti għal dik l-applikazzjoni. Oltre dan, ma jingħatawx punti għal kull applikazzjoni li seta' kellu l-applikant qabel dik rifjutata minnu.	
B.	**Età ta' l-Applikanti**	
	Punti fuq l-età jiġu ikkalkulati kif ġej:-	
	Bejn 28 sena u 35 sena	**5**
	Bejn 36 sena u 40 sena	**10**
	Bejn 41 sena u 45 sena	**15**
	Bejn 46 u 50 sena	**20**
	Minn 51 sena l' fuq	**25**
C.	**Akkommodazzjoni Preżenti**	
	Sub-Paragrafi (a), (b), (c), (d), (e),(f), (g) u (h) fejn applikabbli jingħaddu f'daqqa.	
(a)	Jekk l-applikant jiddikjara li joqgħod ma' terzi persuni jingħata:	**10**
	Inoltre jekk l-applikant deher li joqgħod ma' terzi persuni fil-Ħarġiet tar-Reġistru Elettorali ta' Ottubru 2004, April 2005, Ottubru 2005, April 2006, Ottubru 2006, u April 2007 ma jkunx l-inkwilin rikkonoxxut jew il-propretarju u ma jkollux titolu jingħata:	**20 extra**
(b)	Għal kull persuna esklużi l-applikant inklużi ġenitur/ ġenituri, neputi/ neputijiet (*grandson/granddaughter*) jew tifel/tifla/tfal *fostered* li mhux miżżewġin u, fid-data tal-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż skond l-aħħar sitt ħarġiet tar-Reġistru Elettorali tgħix fl-istess dar ma' l-applikant, imma jew fl-istess data għadha ma għalqitx is-sittax-il sena skond il-karta ta' l-Identita' tal-ġenituri jew *tutor* legali tagħha; jew fid-data imsemmija tkun għalqet is-sittax-il sena imma ma għalqitx it-tmintax il-sena sad-data ta' egħluq iż-żmien biex tilħaq tiġi nkluża fl-aħħar ħarġa tar-Reġistru Elettorali u jgħix/u fl-istess residenza ta' l-applikant jingħataw:	**bejn 5 u 15**
(ċ)	Jekk il-fond fejn jabita l-applikant għandu :-	
	Xejn kmamar abitabbli:	**50**

	Kamra waħda biss abitabbli:	**40**
	Żewġt (2) ikmamar abitabbli:	**30**
	Tlett (3) ikmamar abitabbli:	**20**
	Erbgħat (4) ikmamar abitabbli:	**10**
	Ħamest (5) ikmamar abitabbli (jew aktar):	**0**
	(Għal skopijiet ta' għoti ta' punti "kamra abitabbli" tfisser kamra ta' mhux anqas minn sebgħa (7) metri kwadri iżda mhux aktar minn dsagħtax (19)-il metru kwadru basta dawn il-kmamar ma jkunux jintużaw bħala kmamar tal-banju. Kamra li tintuża bħala passaġġ minn ġot-triq għall-bqija tad-dar jitnaqqsulha tlett (3) metri kwadri mill-area tagħha qabel ma jiġi determinat jekk hix kamra abitabbli jew le. Kull kamra ta' aktar minn 19-il metru kwadru titqies bħala żewġt ikmamar abitabbli).	
	Jekk l-applikanti jkollhom ir-residenza li tikkwalifika għall-kamra waħda abitabbli u għandha *floor area* ta' 35 metri kwadri jew anqas jingħataw:	**5 extra**
	Jekk l-applikanti jkollhom ir-residenza li tikkwalifika għal żewġt ikmamar abitabbli u għandha *floor area* ta' 45 metri kwadri jew anqas jingħataw:	**5 extra**
	Jekk l-applikanti jkollhom ir-residenza li tikkwalifika għal tlett ikmamar abitabbli u għandha *floor area* ta' 60 metri kwadri jew anqas jingħataw:	**5 extra**
	Jekk l-applikanti jkollhom ir-residenza li tikkwalifika għall-erbat ikmamar abitabbli u għandha *floor area* ta' 70 metri kwadri jew anqas jingħataw	**5 extra**
(d)	Applikanti li jkollhom medja ta' aktar minn 2.9 persuna jgħixu f'kull kamra abitabbli tad-dar fejn joqgħodu, u dan indipendentement minn jekk l-applikanti humiex sidien jew kerrejja rikonoxxuti jew le, jingħataw:	**50**
(e)	Jekk il-fond fejn jabita l-applikant huwa bini perikoluz :-	**50**
	(Biex post jiġi dikjarat perikoluż, il-periklu jrid ikun ta' natura strutturali estensiva f'tali mod li jirrendi l-post mhux abitabbli fil-maġġor parti tiegħu. Minkejja li *Claim* ta' din ix-xorta għandha tiġi sostanzjata minn ċertifikat ta' perit mhux maħruġ aktar minn tliet (3) xhur qabel id-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, l-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tinvestiga l-post in kwistjoni. F'każ ta' hekk, id-deċiżjoni ta' l-Awtorità tad-Djar tkun finali).	
(f)	Jekk il-fond fejn jabita l-applikant huwa *substandard* fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Awtorità tad-Djar :-	**50**
(ġ)	Jekk il-fond fejn jabita l-applikant mhux adekwat għall-akkomodazzjoni residenzjali ta' l-applikant/i u l-familja tiegħu/tagħhom u din fid-diskrezzjoni assoluta u finali ta' l-Awtorità tad-Djar:	**30**

(h) Jekk l-applikant joqgħod ġo fond mikri u hu l-kerrej konoxxut jingħata punti skond il-valur tal-kera wara verifikazzjoni ta' riċevuti tal-kera jew kuntratt ta' kera. Punti jingħataw fuq l-ammont annwali ta' kera imħallsa mill-applikant skond kif ġej:-

Bejn Lm 0 sa Lm 200 fis-sena **10**

Bejn Lm 201 sa Lm 400 fis-sena **20**

Bejn Lm 401 sa Lm 600 fis-sena **30**

Minn Lm 601 il-fuq **40**

D. Persuni b'Diżabilità Mentali u/jew Fizika

Għall-applikant innifsu li jkun persuna b'Diżabilità kemm fiżika, intelletwali kif ukoll li ssofra minn mard kroniku mentali jingħata: **10 għal kull wieħed**

E. Applikanti b'Diżabilità jew Invalidi

Għall-applikant innifsu li skond ċertifikat ta' speċjalista mediku, għandu marda li ser tirrendih b'Diżabilità u/jew invalidu fi żmien ħames snin mid-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż, jingħata: **10 għal kull wieħed**

F. Djar tat-tfal

Applikanti li jkunu għalqu it-18-il-sena sal-31 ta' Diċembru 2007 u li jkollhom dokumenti uffiċċjali li juru li jkunu ħarġu minn xi istituzzjoni residenzjali approvata mill-Awtorità tad-Djar sabiex jgħixu ħajja indipendenti jew li għal xi żmien kienu *fostered* jingħataw:- **100**

G. Vjolenza Domestika

Applikanti li jkunu soffrew jew qegħdin isofru minn vjolenza domestika jingħataw: **100**

Każi bħal dawn għandhom ikunu sostanzjati b'dawk id-dokumenti kollha, kunfidenzjali u mhumiex, li l-Awtorità tad-Djar jidrilha li jkunu neċċessarji, inklużi dokumenti tal-Pulizija, tad-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Soċjali, eċċ.

H. Applikanti f'Impjieg

Applikanti li kien jaħdem mill-anqas 6 xhur qabel il-pubblikazzjoni ta' l-avviż u li tali xogħol jista jsostni s-self, jingħata:- **100**

ŻEWĠ PERSUNI ADULTI - Kategorija D

		Punti
A.	**Età ta' l-Adulti**	
	Għal kull sena 'l fuq minn tmienja u għoxrin sena li jkollhom l-applikanti sal-31 ta' Diċembru 2007:	**1**
B.	**Applikazzjoni ta' qabel:**	
	Jekk applikant kien applika bla suċċess mingħand l-Awtorità għall-akkommodazzjoni ta' fond u din l-applikazzjoni kienet valida, jingħataw, għal kull applikazzjoni valida sottomessa mingħajr suċċess:	**5**
	Pero, jekk l-applikant ġie offrut l-allokazzjoni ta' fond indikat fil-formola ta' l-applikazzjoni anke jekk mhux bħala l-ewwel għażla tiegħu, u dan ġie rifjutat mill-applikant, ma jingħatax punti għal dik l-applikazzjoni. Oltre dan, ma jingħatawx punti għal kull applikazzjoni li setgħa kellu l-applikant qabel dik rifjutata minnu.	
C.	**Membri tal-Familja**	
1(a)	Għal kull wild li ma jkunx miżżewweġ li fid-data meta ġie ppubblikat dan l-avviż kien qed jgħix ma' l-applikant u	
	(i) Ikollu età taħt is-sentejn:	**5**
	(ii) Ikollu età fuq is-sentejn iżda inqas minn disa' snin:	**10**
	(iii) Ikollu età fuq id-disa' snin iżda inqas minn tmintax-il sena:	**15**
	(iv) ikollu età ta' tmintax-il sena jew aktar u jidher fl-aħħar ħames ħarġiet tar-Reġistru Elettorali li joqgħod flimkien mall-applikant:	**5**
	(v) Twelid ta' tarbija qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-lista finali tal-punti: (Irid jiġi pprovdut ċertifikat tat-twelid kif titwieled it-tarbija)	**5**
1 (b)	Jekk l-applikant ikollu tfal ta' sess differenti jingħata għal darba waħda biss:	
	Nota:	**5**
	Ulied l-applikant li fid-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż ma jkunux miżżewġin, imma għal xi raġuni serja ħafna, ma jkunux joqgħodu ma' l-applikant, jistgħu jiġu kkunsidrati għal skopijiet ta' punti taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:-	
	(i) Każi bħal dawn għandhom ikunu sostanzjati b'dawk id-dokumenti kollha, kunfidenzjali u mhumiex, li l-Awtorità tad-Djar jidrilha li jkunu neċċessarji, inklużi dokumenti tal-Pulizija, tad-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Soċjali, Awtoritajiet tal-Psychiatric Unit tal-Isptar Monte Carmeli u/jew tal-Isptar San Luqa, ta' periti, eċċ.	

(ii) Spejjeż li jistgħu jsiru għall-ġbir ta' xi dokumenti skond (i) hawn fuq ikunu a karigu ta' l-applikant.

(iii) Għal skopijiet ta' punti f'dan l-Avviż, l-ulied in kwistjoni jiġu kkunsidrati li qed jgħixu ma' l-applikant, bil-kundizzjoni li l-applikant jintrabat, bil-miktub quddiem ix-xhieda, li, jekk jingħata fond mill-Awtorità tad-Djar taħt dan l-Avviż, fi żmien ta' mhux aktar minn xahrejn mid-data ta' l-okkupazjoni tal-fond, dawn l-ulied kollha jiġu meħuda minn fejn qed jgħixu bħalissa u jmorru jgħixu miegħu, a spejjeż tiegħu.

D. Persuni b'Diżabilità Mentali u/jew Fiżika

Għall-applikant/a innifsu/innifisa jew uliedu li jkun/tkun persuna b'Diżabilità kemm fiżika, intelletwali kif ukoll persuna li ssofri jew sofriet minn mard kroniku mentali tingħata: **10 għal kull wieħed**

E. Applikanti b'Diżabilità jew Invalidi

Għall-applikant/a innifsu/innifisa jew uliedu li skond ċertifikat ta' speċjalista mediku, għandu/ha marda li ser tirrendih/a b'Diżabilità u/jew invalidu/a fi żmien ħames snin mid-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż, jingħata/tingħata: **10 għal kull wieħed**

F. Djar tat-tfal

Applikanti li jkunu għalqu t-18-il sena sal-31 ta' Diċembru 2007 u li jkollhom dokumenti uffiċċjali li juru li jkunu ħarġu minn xi istituzzjoni residenzjali approvata mill-Awtorità tad-Djar sabiex jgħixu ħajja indipendenti jew li għal xi żmien kienu *fostered* jingħataw:- **100**

G. Applikanti f'Impjieg

Applikanti jew wieħed mill-applikanti li kienu jaħdmu mill-anqas 6 xhur qabel il-pubblikazzjoni ta' l-avviż u li tali xogħol jista jsostni s-self, jingħataw:- **100**

H. Vjolenza Domestika

Applikanti li jkunu soffrew jew qegħdin isofru minn vjolenza domestika jingħataw: **100**

Każi bħal dawn għandhom ikunu sostanzjati b'dawk id-dokumenti kollha, kunfidenzjali u mhumiex, li l-Awtorità tad-Djar jidrilha li jkunu neċċessarji, inklużi dokumenti tal-Pulizija, tad-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Soċjali, eċċ.

SKEDA 3

Kundizzjonijiet ta' l-akkwist taħt dan l-avviż

(1) L-applikanti taħt din il-ħarġa ser jingħataw l-opportunita' li jixtru l-appartament jew maisonette allokat lilhom taħt is-sistema tas-*shared ownership*. Dan ifisser illi l-fond jiġi mixtri f'partijiet kif ser jiġi ddettaljat iktar 'l quddiem. L-applikanti jingħataw self minn wieħed mill-Banek - Bank Of Valletta plc, APS Bank Limited jew HSBC Malta plc - biex jixtru parti mill-fond u malli huma jħallsu lura dan is-self jerġgħu jieħdu self ieħor biex tinxtara l-parti l-oħra tal-fond. L-applikanti jsiru proprjetarji assoluti tal-fond wara li jkunu ħallsu lill-Awtorità tad-Djar l-ammont kollu tal-prezz kif muri fi Skeda 1 f'Kolonna 'G'.

(2) Modi ta' xiri

Applikanti taħt kull kategorija ser jingħataw l-opportunita' li jixtru parti mill-fond u dan dipendenti fuq kemm l-istess applikanti jikkwalifikaw għas-self minn wieħed mill-Banek imsemmija hawn fuq. Dan ifisser li huma ser jieħdu self għal dan l-ammont u meta dan jitħallas jieħdu self ieħor biex jixtru parti l-oħra mill-fond. Huwa fid-diskrzzjoni assoluta ta' l-Awtorità tad-Djar li timponi fuq l-applikanti s-sehem li huma għandhom jixtru u dan wara li tivverifika l-ammont li l-applikanti jkunu jistgħu jisselfu mill-Banek.

Taħt kull kategorija, l-applikanti jkollhom id-dritt li jixtru il-fond kollu bi prezz kif muri f'kolonna 'G ' ta' Skeda 1.

(3) L-applikanti għandhom id-dritt li jixtru l-kumplament tal-fond fi żmien għaxar snin mid-data tal-kuntratt, bl-istess prezz kif muri f'tabella 'G' ta' Skeda 1.

Jekk ix-xiri jsir wara 10 snin mid-data tal-kuntratt ta' l-ewwel xiri, mall-prezz tas-sehem rimanenti tkun miżjuda ir-rata ta' l-inflazzjoni dekorribbli mid-data tal-kuntratt ta' l-ewwel xiri sa meta ikun ser isir il-kuntratt ta' bejgħ tal-kumplament tal-fond.

Kemm-il darba il-kumpraturi ma jixtrux ir-rimanenti sehem indiviz ta' l-immobbli sa żmien għaxar snin mid-data tal-kuntratt ta' l-ewwel xiri, wara l-iskadenza ta' l-għaxar sena, il-kumpraturi għandhom iħallsu lill-Awtorita somma annwali u/jew mensili li tiġi ffissata mill-Awtorità tad-Djar fid-diskrezzjoni assoluta tagħha u dana bħala kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond sħiħ.

L-applikanti bl-ebda mod ma' jistgħu jgħaddu l-pussess tal-fond lill-terzi qabel ma' jkunu saru l-proprjetarji assoluti tal-fond.

(4)(a) Regoli għal kumpraturi illi ser jakkwistaw sehem indiviż tal-fond

Il-kumpraturi ser jobbligaw ruħhom, a favur ta' l-Awtorità illi ma jbiegħux jew bi kwalunkwe titolu jittrasferixxu lil terzi (iżda hija eskluza l-Awtorità tad-Djar) s-sehem indiviz ta' l-immobbli u bl-ebda mod ma jgħaddu l-pussess tal-fond lill-terzi. Inoltre, il-kumpraturi ma jistgħux iċedu lil terzi id-drittijiet akkwistati minnhom a rigward tal-fond akkwistat minnhom.

B'dana illi f'każ li l-kumpraturi ma jkunux iridu jkomplu jgħixu f' dan il-fond jew jekk ikunu jridu jbiegħu s-sehem tagħhom, jew ma jkunux jixtiequ jibqgħu ko-proprjetari tal-fond imsemmi, huma għandhom jitrasferixxu s-sehem tagħhom lill-Awtorità tad-Djar.

B'dan illi jekk dan isir matul l-ewwel ħames snin mid-data ta' l-att ta' l-ewwel xiri, l-Awtorità tad-Djar tħallas il-prezz kollu imħallas mill-kumpraturi għax-xiri u l-Awtorità tad-Djar tista fid-diskrezzjoni assoluta tagħha tħallas lill-benefiċjarji l-valur ta' xogħol ta' miljorament li l-perit ta' l-Awtorità jiċċertifika li kienu meħtieġa li jsiru. Miljoramenti li mingħajrhom il-benefiċjarju seta ukoll jgħix b'mod deċenti fil-proprjetà ma jiġux kunsidrati. L-ammont imħallas jiġi valutat u deċiez mill-Awtorità tad-Djar. L- Awtorità tad-Djar bl-ebda mod ma hi obbligata li tħallas għal dawn il-miljoramenti. Madanakollu kwalunkwe somma u imgħax fuq is-self li jkun ġie mħallas lil Bank ma jiġix rifuz. Inoltre, mill-ammont li jkun dovut lill-kumpraturi, l-Awtorità zzomm mitejn liri Maltin (Lm 200) għal kull sena jew parti minn sena illi tgħaddi mid-data ta' l-ewwel kuntratt u dana bħala kumpens għall-okkupazzjoni. F'dan il-każ il-kumpraturi jkunu obbligati jagħtu lura lill-Awtorità il-pussess vakant tal-fond mal-att ta' rexissjoni u/jew bejgħ.

F' każ illi t-trasferiment isir wara ħames snin mid-data ta' l-ewwel kuntratt, l-Awtorità tad-Djar għandha tixtri lura l-fond hi u tħallas lill-kumpraturi l-valur tal-parti mixtrija minnhom skond stima magħmula minn perit ta' l-Awtorità tad-Djar. Madanakollu kwalunkwe somma u imgħax fuq is-self li jkun ġie mħallas lil Bank ma jiġix rifuz. Inoltre, mill-ammont li jkun dovut lill-kumpraturi, l-Awtorità zzomm somma għal kull sena jew parti minn sena li tgħaddi mid-data ta' l-ewwel kuntratt, liema somma tiġi ffissata fid-diskrezzjoni ta' l-istess Awtorità u dana bħala kumpens għall-okkupazzjoni. F'dan il-każ il-kumpraturi jkunu obbligati jagħtu lura lill-Awtorità il-pussess vakant tal-fond mal-att ta' rexissjoni u/jew bejgħ.

Fil-każ li l-kumpraturi qabel ma jakkwistaw l-ishma kollha fil-proprjetà, jakkwistaw b'titolu ta' ċens temporanju jew perpetwu jew b'titolu ta' xiri proprjetà immobiljari oħra waħedhom jew flimkien ma' oħrajn kemm bi trasferiment *inter vivos* jew *causa mortis*, l-Awtorità tkun tista' fid-diskrezzjoni assoluta tagħha tesiġi li l-kumpraturi jixtru l-kumplament tal-ishma fil-proprjetà trasferita. Jekk il-kumpraturi ma jaċċettawx u ma jagħmlux dan fi żmien xahar minn meta jiġu interpellati, allura l-Awtorità jkollha jedd li tħallas lill-kumpraturi il-prezz minnhom imħallas mingħajr interessi u tieħu lura kull sehem li jkun ġie trasferit lilhom ; f' dan il-każ mill-prezz indikat l-Awtorità għandha tnaqqas mitejn lira maltin (Lm 200) għal kull sena jew parti minn sena li tgħaddi mid-data ta' l-ewwel kuntratt u dan bħala kumpens għall-okkupazzjoni tal-istess dar. F' dan il-każ il-kumpraturi ma jkollhom ebda dritt għal benefikati, spejjeż jew ħlasijiet oħra li huma jkunu setgħu għamlu u jkunu obbligati jivvakaw id-dar u jgħaddu lura l-pussess vakanti tad-dar lill-Awtorità mal-ħlas tas-somma fuq indikata.

(b) Regoli għall-eredi ta' kumpraturi illi jkunu akkwistaw sehem indiviz tal-fond.

F' kull każ ta' trasmissjoni *cauza mortis* u meta l-kumpraturi ikunu akkwistaw biss sehem indiviz tal-fond, l-eredi għandhom l-obbligu li fi żmien sentejn mill-mewt ta' l-aħħar wieħed fost il-kumpraturi jixtru r-rimanenti sehem indiviz tal-immobbli. Illi hija fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità tad-Djar skond il-*policies* tagħha illi tezenta lil eredi minn dana l-obbligu. L-eredi għandhom jixtru r-rimanenti sehem indiviz bil-prezz kif indikat fi klawsola tlieta (3) ta' din l-Iskeda.

Fl-eventwalita' illi l-eredi ma jixtrux ir-rimanenti sehem indiviz kif hawn fuq indikat, ossia fi żmien sentejn mill-mewt ta' l-aħħar wieħed fost il-kumpraturi, l-eredi għandhom jagħtu l-pussess vakanti tal-immobbli lura lill-Awtorità u għandhom jersqu għal att ta' bejgħ ma' l-Awtorità li permezz tiegħu ibiegħu s-sehem indiviz oriġinali lura lill-Awtorità u dana bil-prezz kif ġej :

- jekk it-trasferiment *causa mortis* isir matul l-ewwel ħames snin mid-data ta' l-ewwel kuntratt, l-Awtorità tad-Djar għandha tħallas il-prezz kollu imħallas mill-kumpraturi għax-xiri u l-Awtorità tad-Djar tista fid-diskrezzjoni assoluta tagħha tħallas lill-benefiċjarji l-valur ta' xogħol ta' miljorament li l-perit ta' l-Awtorità jiċċertifika li kienu meħtieġa li jsiru. Miljoramenti li mingħajrhom il-benefiċjarju seta ukoll jgħix b'mod deċenti fil-proprjetà ma jiġux kunsidrati. L-ammont imħallas jiġi valutat u deċiez mill-Awtorità tad-Djar. L- Awtorità tad-Djar bl-ebda mod ma hi obbligata li tħallas għal dawn il-miljoramenti. Madanakollu kwalunkwe somma u imgħax fuq is-self li jkun ġie mħallas lil Bank ma jiġix rifuz. Inoltre, mill-ammont li jkun dovut lill-eredi tal-kumpraturi, l-Awtorità zzomm mitejn liri Maltin (Lm200) għal kull sena jew parti minn sena illi tgħaddi mid-data ta' l-ewwel kuntratt u dana bhala kumpens għall-okkupazzjoni. F' dan il-każ l-eredi jkunu obbligati jagħtu lura lill-Awtorità il-pussess vakant tal-fond mal-att ta' rexissjoni u/jew bejgħ.

- jekk it-trasferiment *causa mortis* isir wara ħames snin mid-data ta' dana l-att, l-Awtorità tad-Djar għandha tħallas lill-eredi tal-kumpraturi l-valur tal-parti mixtrija minnhom skond stima magħmula minn perit ta' l-Awtorità tad-Djar. Madanakollu, kwalunkwe somma u imgħax fuq is-self li jkun ġie mħallas lil Bank ma jiġix rifuz. Inoltre, mill-ammont li jkun dovut lill-eredi tal-kumpraturi, l-Awtorità zzomm somma għal kull sena jew parti minn sena li tgħaddi mid-data ta' l-ewwel kuntratt, liema somma tiġi ffissata fid-diskrezzjoni ta' l-istess Awtorità u dana bħala kumpens għall-okkupazzjoni. F' dan il-każ l-eredi tal-kumpraturi jkunu obbligati jagħtu lura lill-Awtorità il-pussess vakant tal-fond mal-att ta' rexissjoni u/jew bejgħ.

F'kull każ fejn il-prezz għandu jiġi stabbilit minn Perit imqabbad mill-Awtorità tad-Djar, id-diskrezzjoni tiegħu hija assoluta u insindakabbli.

(5a) Regoli għal kumpraturi illi akkwistaw l-intier tal-fond

F'każ illi l-kumpraturi jakkwistaw l-intier tal-fond u jkunu jridu jbiegħu jew b'kull titolu jaljenaw il-fond jew jgħaddu il-pussess lill-terzi l-fond minnhom akkwistat, huma jistgħu jagħmlu dan biss wara li jkunu għaddew għaxar snin mid-data li fiha jidħlu jokkupaw il-fond u huma għandhom jinformaw lill-Awtorità b'dan mill-anqas xahrejn qabel id-data ta' l-att ta' trasferiment u jħallsu lill-Awtorità :-

i. ħmistax fil-mija (15%) tad-differenza bejn il-valur tal-fond kif stmat mill-perit ta' l-Awtorità tad-Djar fid-data li fiha jintalab permess għall-bejgħ u l-prezz imħallas mill-kumpraturi lill-Awtorità tad-Djar fuq l-att ta' l-akkwist. F'każ illi l-bejgħ ma jsirx fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-istima, l-Awtorità tad-Djar izzomm id-dritt li tagħmel stima oħra; u
ii. l-ispejjeż mogħtija u/jew magħmula minnha;
iii. kull sussidju u/jew għotja mogħtija taħt xi skema ta' l-Awtorità tad-Djar.

Hija fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Awtorità tad-Djar jekk għandux jingħata permess lill-kumpraturi biex jiddisponu mill-proprjetà tagħhom qabel l-għeluq ta' għaxar snin u dana biss kemm-il darba l-istess kumpraturi jkunu akkwistaw l-intier tal-fond.

(b) F'kull każ ta' trasmissjoni *causa mortis* meta l-kumpraturi jkunu akkwistaw l-intier tal-fond, ir-regoli kollha hawn fuq imsemmija għandhom jibqgħu japplikaw a rigward ta' l-eredi. Għal kull buon fini qed jiġi ddikjarat illi l-perjodu ta' għaxar (10) snin hawn fuq indikat jiddekorri mid-data ta' l-akkwist ta' l-ewwel parti tal-fond.

(6) F'każ ta' għarajjes applikanti:-

Jekk l-għerusija tal-għarajjes titħassar huma jkunu marbuta li jinfurmaw bil-miktub b'dan lill-Awtorità fi żmien tletin ġurnata mill-imsemmi tħassir ta' l-għerusija. Jekk jonqsu li jagħmlu dan ikunu obbligati jħallsu lill-Awtorità penali ta' għaxar liri Maltin (Lm10) fil-ġimgħa jew parti minn ġimgħa li tgħaddi mit-tħassir tal-għerusija sakemm jingħata l-imsemmi avviż lill-Awtorità.

Fil-każ ta' tħassir ta' għerusija l-Awtorità tad-Djar tobbliga lill-benefiċjarji li jirritornaw lura l-fond mibjugħ lilhom lill-Awtorità u tiġi rifuza lura s-somma mħallsa fil-kuntratt ta' l-akkwist. F'kull każ fejn l-Awtorità takkwista lura il-fond jew parti minnu bil-prezz indikat f'dan l-att ebda interessi ma għandhom jizdiedu ma' tali prezz. Inoltre l-applikanti jkollhom jħallsu lill-Awtorità tad-Djar kull sussidju u/jew għotja mogħtija taħt xi skema ta' l-Awtorità tad-Djar. L-Awtorità tad-Djar tista fid-diskrezzjoni assoluta tagħha tħallas lill-benefiċjarji l-valur ta' xogħol ta' miljorament li l-perit ta' l-Awtorità jiċċertifika li kienu meħtieġa li jsiru. Miljoramenti li mingħajrhom il-benefiċjarju seta ukoll jgħix b'mod deċenti fil-proprjetà ma jiġux kunsidrati L-ammont imħallas jiġi valutat u deċiez mill-Awtorità tad-Djar. L- Awtorità tad-Djar bl-ebda mod ma hi obbligata li tħallas għal dawn il-miljoramenti.

L-Awtorita ikollha l-jedd li tieħu kull deċizjoni oħra li tqis xieraq fid-diskrezzjoni assoluta tagħha.

(7) Il-benefiċjarju jobbliga ruħu illi f'każ illi jittrasferixxi l-fond lil terzi huwa jimponi l-istess obbligi lix-xerrej u jobbligah ukoll li jorbot lix-xerrejja sussegwenti bl-istess obbligi. F'kull trasferiment il-venditur għandu jsejjah lill-Awtorità fuq l-att ta' trasferiment sabiex jitħallas il-lawdemju mill-akkwirent u dan taħt penali ta' għaxar liri Maltin (Lm10) kull ġimgħa f'każ ta' nuqqas.

(8) F'każ illi l-post jiġi mtella għall-bejgħ b'subbasta fuq talba tal-Bank, l-Awtorità tad-Djar għandha id-dritt ta' l-ewwel għażla li tixtri hi l-fond.

(9) Il-fond akkwistat mill-benefiċjarju għandu jintuża biss għall-skopijiet ta' residenza ordinarja mill-akkwirent jew aventi kawza tiegħu u għal ebda skop ieħor. Jekk l-applikant jakkwista wkoll garaxx, il-garaxx għandu jintuza biss sabiex fih il-benefiċjarju jew l-aventi kawza tiegħu jiggaraxxja vettura personali jew jimmagazzina effetti personali.

(10) Il-benefiċjarju li jakkwista l-fond jobbliga ruħu illi:

(i) fi żmien sentejn mid-data li jingħata l-pussess tal-fond li ser jiġu allokati ġebel u saqaf;

(ii) fi żmien sitt xhur mid-data li jingħata l-pussess tal-fond li ser ikunu *finished* u fil-każ ta' għarajjes fi żmien sentejn;

jibda jgħix fil-fond bħala residenza ordinarja u jibqa' jgħix fih għal mill-anqas għaxar snin mill-att ta' l-akkwist, u fl-istess żmien ma jistax jiddisponi mill-fond *inter vivos*, kemm b'titolu reali kif ukoll b'titolu personali. Il-benefiċjarju jobbliga ruħu wkoll illi hu, jew l-avanti kawza tiegħu, sakemm ma jiddisponix mill-fond b'titolu reali, hu ma jistax jikri l-fond jew iħalli terzi persuni jokkupaw il-fond taħt kawlunkwe titolu anke jekk gradtuwitu jew b'mera tolleranza.

Però fil-każ ta' fondi ġebel u saqaf il-benefiċjarju jobbliga ruħu li jagħmel x-xogħlijiet neċessarji sabiex jevita ħsarat fil-fondi sottoposti u/jew sovraposti fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-att ta' l-akkwist.

Fil-każ li l-benefiċjarju jonqos milli jidħol jabita, jew ma jibqax jabita fil-fond mibjugħ lilu, l-Awtorità tad-Djar awtomatikament twaqqaf kull sussidju li jkun qed jiġi gawdut. Fil-każ ukoll li l-fond ma jibqax jintuża għal skop ta' residenza ordinarja tal-benefiċjarju, l-Awtorità tad-Djar jkollha d-dritt li tieħu lura l-fond immedjatament u l-benefiċjarju jiġi mħallas lura l-ammont li jkun ħallas lill-Awtorità tad-Djar.

(11) Il-prezz tal-appartament/*maisonette* huwa dak indikat skond il-valur stabbilit mill-Awtorità tad-Djar, ċioe' dak indikat fil-kolonna "G" fl-Iskeda 1 waqt li l-prezz tal-garaxxijiet huwa indikat fil-kolonna "J".

(12) Il-prezz għandu jitħallas kif sejjer jingħad: għaxra fil-mija (10%) tal-valur stabbilit mill-Awtorità tad-Djar skond Skeda 1 fuq l-att tal-konvenju. Dan l-ammont ma jiġix rifuz lill-benefiċjarju f'każ illi hu ma jersaqx għall-att tal-akkwist. Il-bilanċ jitħallas ma' l-att tal-akkwist (jew f'każ li l-art in kwistjoni tkun għada ma ġietx trasferita lill-Awtorità tad-Djar, fuq att ta' konvenju magħmul apposta f'dawn il-każijiet) li għandu jsir mhux aktar tard minn tlett xhur mid-data ta' l-att tal-konvenju jew, f'każ li l-Awtorità tad-Djar tagħzel li ma tagħmilx l-att finali fi żmien dawn it-tlett xhur, fi żmien tletin ġurnata minn meta l-Awtorità tinnotifika b'ittra rreġistrata lill-benefiċjarju biex jersqu għall-kuntratt, skond liema minnhom jiġi l-aħħar.

Fil-każ li wara li jsir l-Att Konvenju jirriżulta li l-benefiċjarju ma jkunx konformi mall-kundizzjonijiet ta' dan l-Avviz u b'konsegwenza ta' dan ma jkunx intitolat għall-proprjetà allokata lilu, l-Awtorità tad-Djar tesiġi li l-Att Konvenju jiġi rexiss u l-benefiċjarju jingħata lura 90% biss tas-somma mħallsa minnu lill-Awtorità tad-Djar fuq il-konvenju. 10% tas-somma tinzamm mill-Awtorità tad-Djar bħala ħlas amministrattiv.

F'każ li meta mitlub jersaq għall-att finali, il-benefiċjarju jonqos li jagħmel dan, l-Awtorità tad-Djar tkun tista tiddeposita fil-Qorti l-ammont dovut lill-benefiċjarju skond dan l-avviż u tgħaddi biex talloka il-fond lill-ħaddieħor.

Persuna li tonqos li tersaq għall-att finali meta tiġi mitluba tagħmel dan għal kwalsiasi raġuni (inkluża r-raġuni li l-fond ikun għadu ma bediex jinbena) titlef id-dritt ta' din l-allokazzjoni u l-konvenju.

(13) L-att tal-konvenju jsir fi żmien xahrejn minn meta l-benefiċjarju jiġi infurmat illi ġie allokat lilu l-fond taħt dan l-avviż. F'każ illi l-applikant ma jersaqx għall-att tal-konvenju fid-data indikata lilu mill-Awtorità tad-Djar huwa jiddekadi *ipso jure* minn kull dritt li setà kellu li jiġi allokat lilu l-fond, u l-Awtorità ikollha dritt talloka l-fond lil terzi.

(14) Il-benefiċjarju għandu jiddikjara fl-att tal-konvenju u dak ta' l-akkwist illi hu jiggarantixxi illi l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni, fid-dikjarazzjoni u fid-dokumenti mogħtija lill-Awtorità hija korretti u vera.

(15) L-att tal-akkwist jiġi xolt *ipso iure* f'każ illi l-benefiċjarju u l-aventi kawza tiegħu jonqos milli josserva xi waħda mill-obbligazzjonijiet miftiehma fl-att tal-akkwist jew ikun naqas illi josserva xi waħda mill-kundizzjonijiet ta' dan l-avviż, u f'dak il-każ l-benefiċjarju jew aventi kawza tiegħu, skond ma jkun il-każ, ma jkollu ebda dritt għal kumpens ta' benefikati li jkun għamel fil-fond u jkollu jirrifondi wkoll kull sussidju in konnessjoni mal-fond in kwistjoni.

(16) Meta l-benefiċjarji huma aktar minn persuna waħda, il-benefiċjarji huma obbligati u responsabbli lejn l-Awtorità in solidum.

(17) Kull benefiċjarju (ħlief fil-każ ta' koppja għarajjes u ta' applikanti li kienu jgħixu ma' terzi persuni) li fid-data tal-applikazzjoni tiegħu taħt dan l-avviż kien jokkupa fond:-

(a) huwa obbligat illi:

(i) fi żmien sentejn fil-każ tal-fondi li ser jiġu allokati ġebel u saqaf*;*
(ii) fi żmien sitt xhur fil-każ tal-fondi li ser jiġu allokati *finished*.

mid-data ta' l-allokazzjoni taħt dan l-avviż jagħti l-pussess vakant tal-fond li fih kienu jgħixu qabel lid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali jekk hemm ordni ta' rekwizizzjoni jew jekk huma proprjetà tal-Gvern jew mikrija mill-Gvern, jew jekk il-fondi huma ta' l-Awtorità tad-Djar, ta' Korpi Parastatali, tal-Joint Office jew ta' xi Awtorità oħra u dan sabiex il-fond jiġi uzat skond il-*policy* tad-Dipartiment, u

(b) huwa obbligat u jobbliga ruħu wkoll illi ma japplikax għad-dekontroll tal-fond minnu okkupat.

F'każ illi xi benefiċjarju jonqos milli josserva dan l-obbligu l-att ta' l-allokazzjoni jiġi xolt *ipso jure* u l-benefiċjarju ma jkollu ebda dritt għal kumpens ta' benefikati li jkun għamel fil-fond u jkollu jirrifondi wkoll kull sussidju li jkun ħa taħt dan l-avviż jew mod ieħor in konnesjoni mal-fond in kwistjoni.

F'każ illi benefiċjarju kien jipposjedi bi proprjetà jew b'enfitewsi fond abitabbli iżda mhux adekwat għalih u għall-familja tiegħu, hu għandu jbiegħ il-fond tiegħu lil terzi għal skop ta' residenza fi żmien u skond kif jiġi approvat jew stabbilit mid-Dipartiment għall-Akkommodazzjoni Soċjali.

(18) Jekk l-applikanti jonqsu milli jħallsu lill-Bank tlett pagamenti jew ekwivalenti għall-tlett pagamenti, il-kuntratt tal-bejgħ jiġi rexiss u l-pagamenti li jkunu saru lill-Bank jitqiesu li kienu pagamenti magħmula għall-okkupazzjoni tal-post.

(19) L-applikanti għandhom jagħmlu *Home Insurance* kif rikjesta mill-Bank, u ma' jistgħux jipotekaw l-appartament/ maisonnette allokat lilhom taħt din il-ħarġa biex jieħdu xi self ieħor mill-Bank jew għal xi raġuni oħra.

(20)Applikanti li jixtru parti mill-fond għandhom jissottomettu ittra mingħand il-Bank tagħhom li turi l-massimu ta' self li huma ntitolati għalih, kif ukoll l-ammont ta' assi monetarji li huma jippossedu.

(21) L-Awtorità tad-Djar tista fid-diskrezjoni tagħha, toffri l-possibilita' lill-benfiċjarji sabiex jibdlu l-proprjetà immobbli li jkunu akkwistaw taħt dan l-avviż ma' proprjetà oħra aktar adekwata għalihom li tkun offruta taħt xi avviż ieħor ta' l-Awtorità tad-Djar.

Separazzjoni *de facto*

Persuna miżżewġa iżda separata *de facto* tista tapplika taħt dan l-avviż iżda, qabel l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern irid ikollha proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

Din l-inizjattiva ser tkun intiza għall-każijiet fejn minħabba raġunijiet umanitarji bħal *domestic violence* ma jkunx rakkomandabbli u għaqli li miżżewġin, matul il-kawża jew qabel is-separazzjoni finali, jibqgħu jabitaw fir-residenza matrimonjali flimkien. L-eżistenza ta' dan il-fatt trid tiġi ppruvata għas-sodisfazjoni ta' l-Awtorità tad-Djar u għad-diskrezzjoni tagħha anke permezz ta' ċertifikati jew rapporti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti jew minn djar li jagħtu kenn lill-dawn il-każijiet.

L-applikant irid ukoll ikun beda proċeduri fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex jieħu dritt li jibqa jabita, flimkien ma' uliedu, fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-parti l-oħra. Persuna mingħajr tfal li sofriet jew qed issofri minn *domestic violence* tista tibbenefika ukoll taħt din l-inizjattiva.

Fil-każ li l-applikant li jkun separat *de facto* jikkwalifika għal xiri ta' fond taħt dan l-avviż, is-segwenti kondizzjonijiet jridu jiġu mħarsa:-

1. Il-fond jingħata lill-applikant li jobbliga ruħu li jżommu waħdu bi dritt ta' użu u abitazzjoni esklużivament għalih u għall-uliedu jekk ikun il-kaz. B'dan illi dan id-dritt jista jiġi terminat unilateralment f'kull waqt mill-Awtorità tad-Djar;

2. Il-ħlas tal-fond isir hekk:- l-applikant jiddeposita għand l-Awtorità tad-Djar ammont ta' flus fix-xahar, liema ammont jiġi stabbilit mill-Awtorità tad-Djar skond il-valur tal-fond u l-mezzi finanzjarji ta' l-applikant. L-Awtorità tad-Djar iżżomm dan id-depositu sakemm is-separazzjoni finali tiġi mitmuma b'kuntratt jew sentenza finali. F'każ illi l-parti l-oħra tipprova tivvanta xi dritt fuq dan id-depositu, l-Awtorità tad-Djar tista' unilateralment tqis dan id-depositu bħala ħlas magħmul lilha għad-dritt ta' użu u abitazzjoni, jew kumpens għall-okkupazzjoni f' liema każ id-depositu jgħaddi għand l-Awtorità li tista' wkoll meta jseħħ il-kuntratt finali tal-bejgħ tqisu bħala ħlas akkont.

3. Hekk kif is-separazzjoni tiġi finalizzata, f'kull kaz mhux aktar tard minn ħames snin (li fid-diskrezjoni ta' l-Awtorità jistgħu jiġu estizi) l-applikant ikun obbligat li jixtri l-fond skond Skeda 1, li jkun ġie allokat lilu mill-Awtorità, u li jkun qed jokkupa b'titolu ta' uzu u abitazzjoni. Fuq l-att tax-xiri, l-ammont kollu tad-depositi jiġi mnaqqsa mill-prezz tal-fond. Il-bilanċ dovut fuq il-prezz tax-xiri għandu jitħallas kollu mall-kuntratt.

4. Fil-każ li wara li s-separazzjoni tiġi finalizzata, l-applikant ikun jipposjedi sehem mid-dar matrimonjali u/jew assi, l-applikant ma jiġix skwalifikat iżda l-ammont kollu rikavat għandu jitħallas lill-Awtorità tad-Djar akkont tal-prezz tax-xiri tal-fond taħt dan l-avviż. Dan ma japplikaw f'każ li l-Qorti tkun ordnat li l-parti l-oħra tkun tista tibqa tabita esklusivament fid-dar matrimonjali. F'dan il-każ, jekk il-benefiċjarja mis-separazzjoni jkollha sehem ta' assi li fl'opinjoni ta' l-Awtorità tad-Djar ikun biz-zejjed biex tiflaħ il-prezz, allura l-Awtorità tad-Djr tista tinsisti għal ħlas sħiħ tal-prezz tal-fond.

5. Jekk l-applikant ma jottemperax ruħu mal-kundizzjonijiet u ma jersaqx għall-kuntratt finali ta' xiri, hu jkun obbligat jivvaka l-fond u l-fond jiġi mogħti lura lill-Awtorità. Id-depositu magħmul mill-applikant tul is-snin preċedenti, jiġi mħallsa lura mingħajr interessi.

6. F'każ li s-separazzjoni finali ma tiġix finalizzata fi żmien ħames snin (li fid-diskrezjoni ta' l-Awtorità jistgħu jiġu estizi), l-applikant irid jivvaka l-fond lilu allokat, u l-istess fond jiġi mogħti lura lill-Awtorità tad-Djar. Id-depositu magħmul mill-applikant tul is-snin preċedenti jiġi mħallsa lura mingħajr interessi.

7. F'każ li l-fond allokat f'ġebel u saqaf jiġi ritornat lill-Awtorità tad-Djar, l-Awtorità fid-diskrezjoni assoluta tagħha tista tirrifondi lill-applikant il-valur ta' l-ispejjeż mħallsa minnu biex tkomplew ix-xogħlijiet. Miljoramenti li mingħajrhom il-benefiċjarju seta ukoll jgħix b'mod deċenti fil-proprjetà ma jiġux kunsidrati Stima ta' tali xogħlijiet tinħareġ minn perit imqabbad mill-Awtorità tad-Djar u hija finali.

8. Jekk għal kwalsiasi raġuni d-depositu mħallas tul is-snin jiġi b'xi mod sekwestrati jew maqbuda minn xi Awtorità kompetenti u meħuda mingħand l-Awtorità tad-Djar, l-Awtorità għanda d-dritt ittemm it-titolu ta' uzu u abitazzjoni u tieħu lura l-pussess vakant tal-fond.

9. F'kull każ fejn l-Awtorità tad-Djar ikollha tieħu lura l-fond u tirrifondi d-depositu, l-istess Awtorità tad-Djar ikollha dritt li mid-depositu tirretjeni somma sabiex tikkumpensa għall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni.

SKEDA 4

Għajnuna biex tgħin lill-benefiċjarju jirrendi l-fond aċċessibbli għall-persuni b'Diżabilità

Jekk fid-data tal-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż l-applikant jew dixxendenti tiegħu fil-linja diretta jkunu kwalifikati bħala persuna b'Diżabilità kemm fiżika, intelletwali kif ukoll persuna li ssofri jew sofriet minn mard kroniku mentali, l-benefiċjarju ikun intitolat għal għotja sa tmien mitt lira Maltin (Lm800) jew f'każ ta' *stairlift* sa elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200) skond kif ipprovdut aktar l-isfel sabiex jingħata għajnuna biex jagħmel il-fond jew partijiet minnu aċċessibbli għal dik il-persuna li tbati minn Diżabilità. Din l-għotja titħallas wara li ssir applikazzjoni għaliha u f'kull każ wara li jiġi pprezentati r-riċevuti u skond regolamenti li l-Awtorità tista' tagħmel minn żmien għal żmien.

1. L-Awtorità tista' tagħti għajnuna finanzjarja f'forma ta' għotja ta' flus għal xogħlijiet ta' titjib elenkati f' Klawsola 3 ta' din l-iskeda lill-benefiċjarji jekk fid-data tal-applikazzjoni applikant jew dixxendenti tiegħu fil-linja diretta jkunu persuna li tikkwalifika bħala persuna b'Diżabilità skond din l-iskeda u dan sabiex l-applikant jingħata għajnuna biex jagħmel il-fond jew partijiet minnu aċċessibbli għal dik il-persuna li jkollha Diżabilità. Din l-għotja titħallas wara li ssir applikazzjoni għaliha u f'kull każ wara li jiġu pprezentati r-riċevuti u skond regolamenti li l-Awtorità tista' tagħmel minn żmien għal żmien.

2. Għall-iskop ta' dina l-iskeda il-kliem "persuna b'Diżabilità" jirreferu biss għal:

(a) persuni bla dawl;
(b) dawk il-persuni li bil-fors ikollhom jużaw "wheelchair";
(c) persuni oħra illi fid-diskrezzjoni assoluta u finali ta' l-Awtorità jiġu kkunsidrati bħala persuni illi minħabba d-Diżabilità permanenti li għandhom ikun jenħtiġilhom dawk il-ħwejjeġ li għalihom tista' tingħata l-għotja taħt din l-iskeda sabiex il-fond ta' l-applikant ikun adekwat għalihom.

3. Hawn taħt tidher lista ta' ħwejjeġ, li meta huma meħtieġa għal persuna b'Diżabilità, jikkwalifikaw għas-sussidju fuq imsemmi:

(a) Aċċess għall-kmamar :
- Rampa flok taraġ
- Tibdil fit-taraġ, per ezempju biex jitwessa' t-taraġ jew biex jiġu inkorporati nofs tarġiet

(b) Bibien u twieqi
- Twessigħ jew tqegħid mill-ġdid ta' bibien biex jippermettu l-immanuvrar ta' wheelchair

Strixxa biex tipproteġi il-kument tal-bibien. Alterazzjoni fit-twieqi biex dawk fil-wheelchair ikunu jistgħu jħarsu 'l barra. Twieqi akbar għal min għandu vista difettuża.

(ċ) Turġien u ċirkolazzjoni vertikali

- Żieda ta' poġġaman ieħor fit-taraġ
- 'Stairlift' installat fit-taraġ għall-uzu bil-qegħda, jew bi pjattaforma għall-'wheelchair' (f'dan il-każ is-sussidju jista jizdied sa massimu ta' Lm 2,200)

(d) Kmamar tal-banju u tad-W.C.

- Doċċa b'zieda għall-banju
- Kabina tad-doċċa
- Banju adattat
- W.C. adattat
- Friskatur adattat
- Bidet adattat
- 'Fixed bath hoist'
- Twaħħil ta' 'rails' mal-ħitan ħdejn il-banju jew id-W.C.

4. (a) L-applikazzjoni ikunu eżaminati u mgħoddija għall-approvazzjoni liċ-*Chairman* ta' l-Awtorità minn kummissjoni magħmula minn rappresentanti ta' l-Awtorità, tad-Dipartiment tas-Saħħa, tad-Dipartiment għall-Kura ta' l-Anzjani, tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u biex jaġixxi bħala *Chairman* rappresentant ta' l-Awtorità tad-Djar.

Din il-kummissjoni jew ir-rappresentant tagħha jkollha d-dritt li tispezzjona l-fond tal-applikant u li titlob għal kull kjarifikazzjoni li jidrilha.

(b) L-għotja tingħata lill-applikant li jikkwalifika wara spezzjoni u wara ċertifikati maħruġa minn uffiċċjal/i ta' l-Awtorità li x-xogħlijiet ġew magħmula kif indikat fl-iskeda. Il-ħlas jista' jsir direttament lil min ikun forna s-servizz u/jew ħwejjeġ, skond kif jidrilha xieraq l-Awtorità. Spejjeż professjonali kollha f'dan ir-rigward jitħallsu mill-Awtorità. Ix-xogħlijiet iridu jitlestew fi żmien erba' xhur mill-avviż tal-approvazzjoni.

5. Jiġu kkunsidrati biss l-applikazzjoni sottomessi fuq il-formula apposta miksuba mill-Awtorità.

6. Persuni li diġa jkunu bbenefikaw taħt l-iskema ta' 'Xogħlijiet ta' Titjib f'Residenzi Okkupati Minn Persuni b'Diżabilità (SHD 13) pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-30 ta' Jannar, 1987 u/jew Skema Wieħed pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Jannar 1998 u/jew Skema Sebgħa pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999 jistgħu jerġgħu japplikaw taħt din l-iskeda basta li l-benefiċċji kollha li tgawdew minnhom taħt l-iskemi ta' qabel ikunu mnaqqsa mill-pagamenti magħmula taħt din l-iskeda.

7. L-applikazzjoni trid tkun mimlija kif mitlub u l-applikant għandu jagħti d-dettalji kollha, l-indirizz, dettalji tal-membru tal-familja li hu persuna b'Diżabilità, ċertifikat tat-tabib, in-natura tad-diżabilità, kif ukoll deskrizzjoni tax-xogħlijiet u stima meħtieġa.

SKEDA 5

Assoċjazzjonijiet, Patti u Kundizzjonijiet

(1) L-appartamenti/maisonettes taħt dan l-avviz qed jinħarġu fi stat kif jidher fit tabella t' hawn taħt :-

Appartamenti

Lokalità	**Finished**	**Semi Finished**	**Lift**	**Obbligu ta' Installar ta' Solar Water Heater**	**Rimarki**
Birkirkara – Binja Wejter		√			L-Appartamenti mibnija
Burmarrad - Triq l-Insolja	√		√		L-Appartamenti mibnija
Kirkop – Binja Fieres		√	√	√	Bini fil-fażi inizjali
Luqa – Binja Dukkiena		√	√	√	Fuq il-Pjanta
M'Scala – Binja Salini – Triq Thomas Ashby – Ent 1		√	√		Bini fil-fażi inizjali
M'Scala – Binja Salini – Triq is-Sikka - Ent 2, 3, 4		√	√	√	Bini fil-fażi inizjali
Mellieħa – Binja Miżieb		√	√	√	Bini fil-fażi inizjali
Mġarr – Binja Skorba		√	√	√	Bini fi stat avvanzat
Mrieħel – Triq Spiru Mizzi		√		√	Fuq il-Pjanta
Mtarfa – Binja Msieraħ		√	√	√	Bini fil-fażi inizjali
Paola - Triq Angelo Psaila Plots 10 & 11		√	√	√	Fuq il-Pjanta
Paola – Triq Angelo Psaila Plot 13		√		√	Fuq il-Pjanta
Paola – Triq tax-Xewk Plot 30		√		√	Fuq il-Pjanta
Paola – Triq Tax-Xewk Plot 56 – 58 Ent A		√		√	Fuq il-Pjanta
Paola – Triq Tax-Xewk Plot 56 – 58 Ent B		√	√	√	Fuq il-Pjanta
Pembroke – Triq Pietro Darmenia Blks A3 & A4		√	√	√	Qed jinbena
Pembroke – Triq Pietro Darmenia Blks A5, A6, A9, A11		√	√	√	L-Appartamenti mibnija, Solar Water Heater installat mill-Awtorità
Qawra – Triq il-Frejgatina - Ent C2	√		√		L-Appartament mibni
Qawra – Triq Ġdida fi Triq il-Qawra – Ent D1	√		√		L-Appartament mibni
Qrendi – Triq Gużeppi D'Arena		√		√	Fuq il-Pjanta
Żebbuġ - Triq Ġdida fi Triq l-Indipendenza – Plot 31		√		√	Fuq il-Pjanta

Żebbuġ - Triq il-Qolla No. 35		√	√	√	Fuq il-Pjanta
Żejtun – Triq il-Kastellani – Plot 10		√		√	Fuq il-Pjanta
Żurrieq – Vjal l-Indipendenza – Plot 9		√		√	Fuq il-Pjanta
Żurrieq – Triq Santa Klementina – Numru 25		√	√	√	Fuq il-Pjanta
Żurrieq – Vjal l-Indipendenza – Plot 13		√	√	√	Fuq il-Pjanta
Żurrieq – Triq Ta' Ciantar – Plot 26		√	√	√	Fuq il-Pjanta
San Lawrenz – Binja Tieqa tad-Dwejra		√	√		Fuq il-Pjanta

Maisonettes

Lokalità	**Semi Finished**	**Ġebel u Saqaf**	**Rimarki**
Mtarfa – Triq San David – Blk A		√	Il-Faċċata kompluta mingħajr l-aperturi
Mtarfa – Triq Gregorju Carafa - Blk B		√	Il-Faċċata kompluta mingħajr l-aperturi
Żejtun – Triq il-Kastellani – Plot 10	√		Fuq il-Pjanta
Żurrieq – Vjal l-Indipendenza – Plot 4	√		Fuq il-Pjanta
San Lawrenz – Binja Tieqa tad-Dwejra	√		Fuq il-Pjanta

Finished: Il-fondi jitlestew minn kollox minbarra l-kamra tal-banju;

Semi finished : Il-faċċata, il-btieħi, il-bejt u l-kontrabejt, l-aperturi eskluz il-bieb tal-appartament individwali, is-sistema tad-drenaġġ, tal-ilma tax-xita u tal-provista tal-ilma esterna, jitlestew mill-Awtorità tad-Djar;

Ġebel u saqaf : Il-kontrabejt, s-sistema tal-ilma tax-xita u parti mis-sistema tad-drenaġġ jitlestew mill-Awtorità tad-Djar;

Partjiet komuni : Dawn jitlestew mill-Awtorità tad-Djar;

Fuq il-pjanta : għad irid jinħarġu tenders u/jew jinħarġu permessi mill-MEPA.

Il-garaxxijiet abbinati mall-fondi maħruġa f'dan l-avviż, flimkien mall-partijiet komuni (*drive ways*) ser jkunu *semi finished*.

Peress li uħud mill-fondi maħruġa taħt dan l-avviż jinsabu fil-fazi inizjali ta' kostruzzjoni jew inkella qegħdin jinħarġu fuq il-pjanta, l-Awtorità tad-Djar m'hiex qegħda tintrabat b'data fissa ta' tlestija ta' dawn il-fondi. Applikanti qed jiġu mwissija li t-tlestija ta' dawn il-fondi tista' tiddependi minn fatturi kemm tekniċi, amministrattivi jew legali li fuqhom l-Awtorità tad-Djar m'għandhiex kontroll fuqhom u għaldaqstant jistgħu jwasslu għal dewmien. Inoltre, dawn il-fondi qegħdin jiġu offuti għall-bejgħ suġġett għal dan li ġej:-

- li l-Awtorità tad-Djar tottjeni l-permessi meħtieġa mill-MEPA;
- li l-Awtorità tad-Djar tirċievi offerti mingħand kuntratturi għall-bini ta' dawn il-fondi;
- li l-kuntratturi magħzulin biex jibnu dawn il-fondi jgħaddu l-fondi kompluti għas-sodisfazzjoni ta' l-Awtorità tad-Djar fiż-żmien stipulat;
- li ma jinqalgħux l-ebda problemi legali jew tekniċi waqt il-bini tal-fondi li jistgħu ifixklu t-tlestija tal-fondi fiż-żmien stipulat.

Il-fondi fi Triq il-Ġdida, Luqa u Triq il-Ġebla tal-Ġeneral/Triq it-Torri, San Lawrenz, in partikolari, huwa suġġetti għall-ħruġ ta' permessi mill-MEPA.

Fejn hu possibbli, applikanti li jkunu affettwati b'dewmien minħabba l-fatturi msemmija hawn fuq, jiġu offruti fond alternattiv. F'każ li dan ma jkunx possibbli, applikanti jkunu mitluba jerġgħu japplikaw fl-avviż li jmiss jingħataw id-dritt ta' l-ewwel għazla.

Jista' jagħti l-każ ukoll li, fil-fondi in partikolari dawk maħruġa fuq il-pjanta jew li għadhom fil-fazi inizzjali, isir xi tibdil fit-tqassim u qisien minn dak li jidher fuq il-pjanta, u dan minħabba ċirkostanzi li jirrikjedu tali tibdil. L-Awtorità tad-Djar m'hijiex marbuta li zzomm ezattament mal-pjanti maħruġa f'dan l-avviz.

L-ebda benefiċjarju ma jkollu dritt li jordna jew jagħmel pressjoni fuq lill-Awtorità tad-Djar jew rapprezentanti tagħha jew b'xi mod ieħor iġiegħel lill-kuntratturi tal-proġett biex jagħmlu tibdiliet fil-tqassim tal-fondi u/jew b'xi mod ieħor isiru alterazzjonijiet fil-kostruzzjoni tal-fond jew tal-garaxx. Il-kuntratturi huma dawk imqabbda mill-Awtorità u ma jistgħux jieħdu struzzjonijiet ħlief mill-istess Awtorità jew rapprezentanti tagħha. Ebda kuntrattur jew ħaddiem ieħor ma jista jiġi mqabbad mill-benefiċjarji biex jaħdem fil-post qabel ma jsir il-kuntratt finali. Il-pussess tal-fondi in kwistjoni jgħaddi biss wara li l-proġett ikun komplut u l-kuntratt finali jkun iffirmat.

(2) F'każ ta' *maisonettes*

(a) dawn huma soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tletin lira Maltin (Lm30) u li għandu jinfeda fi żmien għaxar snin mid-data tal-att tal-akkwist u bil-ħlas ta' lawdemju skond il-liġi f'kull trasferiment futur tal-fond;

(b) il-benefiċjarju jobbliga ruħu illi jlesti l-fond li ġie allokat lilu skond klawsola 11 ta' din l-Iskeda u dan b'mod li jkun jista' jidħol jabita fih fi żmien sentejn minn meta jingħata l-pussess tiegħu;

(c) il-fond jiġi trasferit lill-benefiċjarju *tale quale* u fi stat kif jidher fi Klawsola 1 ta' din l-Iskeda u bid-drittijiet (fosthom illi f'każ li ma jkollux bejt li jzomm tank ta' l-ilma u jinstalla aerial tat-televizjoni fuq il-bejt tal-fond sovrastanti) u pertinenzi kollha tiegħu inkluzi difetti latenti, bil-komunjoni tal-partijiet komuni kif deskritti u soġġett għas-servitujiet.

(3) F'każ ta' appartamenti taħt dan l-Avviż:-

(a) dawn huma soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 25) u li għandu jinfeda fi żmien għaxar snin mid-data tal-att tal-akkwist u bil-ħlas ta' lawdemju skond il-liġi f'kull trasferiment futur tal-fond;

(4) F'każ ta' appartamenti *semi finished* :-

(a) l-benefiċjarju jobbliga ruħu illi jlesti l-fond minn kollox skond Klawsola 11 ta' din l-Iskeda u dan b'mod li jkun jista' jidħol jabita fih fi żmien sentejn minn meta jingħata il-pussess tiegħu;

(b) il-fond jiġi trasferit lill-benefiċjarju *tale quale* fi stat kif jidher fi Klawsola 1 ta' din l-Iskeda u bid-drittijiet (fosthom illi jżomm tank tal-ilma, jinstalla aerial tat-televizjoni u solar water heater* fuq il-bejt tal-blokk) u pertinenzi kollha tiegħu inkluzi difetti latenti, bil-komunjoni tal-partijiet komuni u soġġett għas-servitujiet.

* Solar Water Heater għandu jiġi stallat fejn dan huwa teknikament possibbli u dan f'posizjoni stabbilita skond pjanta maħruġa mill-Awtorità tad-Djar.

(5) Il-manutenzjoni tal-partijiet komuni, hekk kif applikabbli f'każ ta' appartamenti, maisonettes jew garaxxijiet li jiġu allokati taħt dan l-avviż, jaqa' f'idejn il-ko-propjetarji a spejjeż tagħhom fi kwoti ndaqs u ndivizi u dan f'kull aspett kemm f'dawk li huma spejjeż ta' natura kapitali, kif ukoll spejjeż ta' natura rikorrenti, ordinarji u straordinarji. L-ispejjeż kollha għandhom isiru fuq qbil bejn il-ko-proprjetarji tal-partijiet komuni.

F'każ li xi appartamenti li jagħmlu parti mill-blokk ikunu għadhom mhux allokati mill-Awtorità tad-Djar, l-ispejjeż tal-manutenzjoni għandhom jinqasmu bejn il-benefiċjarji li jkunu ħadu pussess tal-appartamenti.

Il-partijiet komuni fil-każ ta' blokki ta' appartamenti jinkludu l-bieb prinċipali, l-entratura, il-kuridur li jwasslu għal ġo l-appartamenti, it-taraġ kollu sa fuq il-bejt, it-tromba tal-bejt, il-bjut kollha (dawn jistgħu jinkludu bjut fuq penthouses) ix-xafts u l-bibien tax-xafts, il-partijiet komuni kollha ta' madwar il-Binja (jekk applikabbli), il-bokka tal-lift u l-lift innifsu. Inkluzi wkoll bħala partijiet komuni huma partijiet oħrajn li m'humiex imsemmija f'dan il-paragrafu imma li, skond il-liġi, huma komuni.

(6) Assoċjazzjonijiet, Patti u Kundizzjonijiet f'każ ta' appartamenti li jiffurmaw parti minn Blokk

(a) Tiġi mwaqqfa "Assoċjazzjoni ta' Residenti" fi blokki li fihom jinsabu l-appartamenti li qed jiġi offruti għall-bejgħ permezz ta' dan l-Avviż. Din l-Assoċjazzjoni trid tiġi mwaqqfa hekk kif il-maġġor parti tal-fondi jiġu mibjugħa u tali Assoċjazzjoni trid tiġi reġistrata fi żmien xahar minn meta tinħatar mar-Reġistratur ta' l-Artijiet ai termini tal-Kap 398 tal-Liġijiet ta' Malta.

(b) Is-sħubija fl-Assoċjazzjoni relattiva, d-dmirijiet u d-drittijiet ma' din l-istess sħubija; kif ukoll il-funzjonijiet tal-Assoċjazzjoni nnifisha jinsabu deskritti fil-klawsoli sussegwenti.

(c) Il-benefiċjarju jobbliga ruħu li jzomm lilu nnifsu membru tesserat tal-'Assoċjazzjoni tar-Residenti' relattiva u li jħallas sehmu mill-ispejjeż segwenti skond kif ser jingħad hawnhekk.

(d) Fil-każ ta' Binja b'Entratura waħda komuni għal kulħadd, is-sehem li jħallas il-benefiċjarju mill-ispejjeż segwenti jkun wieħed mill-ammont ta' l-appartamenti li hemm fil-Binja (1/Nth).

(e) Fil-każ ta' Binja li fiha numru ta' Entraturi distinti u independenti minn xulxin, is-sehem li jħallas l-benefiċjarju mill-ispejjeż segwenti ikun wieħed mill-ammont ta' l-appartamenti (1/Nth) li jaqsmu in komuni l-Entratura li juza l-benefiċjarju sabiex jasal fl-appartament tiegħu.

(f) L-ispejjeż segwenti huma:-

- kera tal-meter u konsum tal-elettriku tat-taraġ u ta' partijiet oħra komuni imsemmija fi klawsola relattiva kif ukoll manutenzjoni tas-sistema tad-dawl;
- konsum tal-elettriku tal-lift, ħlas ta' linja tat-telefon *(rescue service)* kif ukoll l-ispejjeż tal-manutenzjoni u tiswija tal-lift. Il-benefiċjarji jobbligaw ruħhom li jġeddu l-ftehim tal-Manutenzjoni (*Maintenance Agreement*) tal-lift ma' kumpanija tal-lifts kull sena u li tali lift jiġi ċċertifikat regolarment minn persuna kompetenti.
- tibjid u/jew żebgħa (u x-xogħol involut għall-istess skop) ta' dawk il-partijiet komuni kollha;
- manutenzjoni u tibjid tal-faċċata kollha għal ta' lanqas darba kull seba' snin. Fi kwalunkwe kaz, l-istess skema ta' kuluri għandha tiġi uzata;
- tħallib u manutenzjoni tal-bejt kollu għal ta' lanqas darba fis-sena;
- tindif tal-partijiet komuni kollha - dan it-tindif għandu jsir ta' mill-anqas darba fil-ġimgħa;
- tiswija/manutenzjoni ta' sistema ta' drenaġġ u katusi tal-ilma tax-xita;
- u xi spejjeż oħra li tiddeċiedi li tiħol għalihom l-Assoċjazzjoni relattiva tar-Residenti minn żmien għal żmien;

(g) Il-benefiċjarji jobbligaw ruħhom li, għas-spejjeż tagħhom kollha f'daqqa kif stipulat fi klawsola relevanti, ibajdu u/jew jiżbgħu l-partijiet kollha komuni għal ta' lanqas darba kull seba' (7) snin b'effett mid-data tal-ewwel Kuntratt jew kuntratt/konvenju li jsir fil-blokk bejn il-benefiċjarji u l-Awtorita' tad-Djar. L-iskema ta' kuluri għandha tkun dik li tiġi magħzula b'deċiżjoni tal-maġġoranza tal-ko-proprjetarji kollha tal-Binja liema deċizjoni tiġi mitluba għal dan il-għan mill-membri tal-Assoċjazzjoni relattiva tar-Residenti Sidien u tiġi approvata mill-Awtoritajiet kompetenti.

(h) Il-benefiċjarji jobbligaw ruħhom wkoll illi jżommu l-partijiet kollha fuq barra tal-Binja in partikolari il-faċċata fi stat xieraq ta' tikħil u tibjid u fl-istess skema ta' kuluri u kulur tal-ġebla li jkunu ezistenti fiż-żmien tal-bejgħ ta' dawn l-istess appartamenti jew skond kif stipulat fil-Klawsola relattiva.

(i) Il-benefiċjarji jobbligaw ruħhom ukoll illi ma jżommu l-ebda annimal/i ta' kwalunkwe ġeneru fuq il-bejt komuni tal-Binja li fiha jabita jew fil-partijiet kollha komuni jew saħansitra ġo l-istess fond li jiġi mibjugħ lilu mill-Awtorita' tad-Djar taħt dan l-avviż.

(j) L-benefiċjarji jobbligaw ruħhom li jżommu fi stat xieraq ta' ndafa u f'kundizzjoni tajba l-fond allokat lilhom skond dan l-Avviż **kif ukoll il-partijiet komuni kollha**.

B'dan li meta resident jew residenti jonqsu milli josservaw xi obbligi tal-kuntratt tagħhom mall-Awtorità tad-Djar, l-Awtorità tista tassenja u tissurroga lill-Assoċjazzjoni jew lir-residenti oħra fid-drittijiet tagħhom sabiex jaġixxu huma kontra ir-resident li jkun qed jonqos. B'dan li l-Awtorità tad-Djar ma tkunx bl-ebda mod obbligata li tħallas danni jew spejjeż ta' kull tip.

(k) Kull dissidju jew problema li tinqala bejn ir-residenti tal-blokk għandha tiġi risolta mill-Assoċjazzjoni u fejn l-Assoċjazzjoni ma tkunx ġiet komposta jew fejn l-Assoċjazzjoni ma taġixxix fi żmien xahar kull resident jista jipproċedi kontra r-residenti jew xi residenti oħra quddiem Arbitru maħtur skond il-liġi miċ-ċentru ta' l-Arbitraġġi.

(l) L-Awtorità tad-Djar ma tistax bl-ebda mod tinvolvi ruħha fi kwistjonijiet li jinħolqu bejn ir-residenti, u ma tistax tiġi imġelgħa taġixxi sabiex kondizzjonijiet imposti minnha fuq ir-residenti jiġu osservati.

(7) Il-benefiċjarji ta' l-appartamenti jkollhom id-dritt għall-użu tal-partijiet komuni u tal-bejt tal-blokka fejn applikabbli (f'każ li hemm penthouses il-bejt fuq dawn jintuza biss għall-installazzjoni u manutenzjoni ta' tankijiet ta' ilma, aerials tat-television u *solar water heaters*). Il-bejt u l-partijiet komuni jibqgħu l-proprjetà assoluta ta' l-Awtorità tad-Djar li tirriserva d-dritt li tibni sulari oħra u li tagħti dritt ta' użu lil terzi persuni tal-bejt u tal-partijiet komuni.

(8) Kull benefiċjarju li jakkwista fond taħt dan l-Avviż ikollu d-dritt li jżomm tank ta' l-ilma (water tank) u *solar water heater* (l-ispazju għal dan huwa limitat għal mhux aktar minn erba' metri kwadri u l-posizzjoni għandha tkun dik stabbilita skond pjanta maħruġa mill-Awtorità tad-Djar) fuq il-bejt tal-Blokk li fih jabita; ikollu dritt ukoll li jinstalla aerial tat-television fuq il-bejt imsemmi. L-inxir ta' ħwejjeġ fuq il-bejt jista jsir biss f'dawk il-blokki fejn hemm bjut komuni jew partijiet ta' bjut komuni. F'kull każ il-ko-preprjetarji jridu jiftehmu bejniethom dwar fejn jitwaħħlu l-ħbula tal-inxir u kif u meta għandhom jaqsmu l-użu tagħhom. Dan kollu għandu jsir bi ftehim bejn il-ko-proprjetarji tal-blokk f'każ ta' appartamenti u f'każ ta' maisonettes mal-proprjetarji tal-fond sovrastanti, kif ukoll b'tali mod li l-ebda oġġett imqiegħed u/jew imwaħħal fuq il-bejt ma jikkawza ħsara lill-istess bejt jew li jkun ta' żgombru u/jew ta' periklu għar-residenti kollha tal-binja.

(9) Il-maisonettes u l-appartamenti kollha allokati taħt dan l-avviż huma suġġetti għas-servitujiet ta' twieqi, katusi tad-drenaġġ u ta' l-ilma tax-xita, pajpijiet tas-sistema ta' l-ilma u *ventilation* shaft, fejn applikabbli.

(10) Il-*maisonettes* u l-appartamenti ġebel u saqaf jew *semi finished* għandhom jitkomplew f'kull lokalita' skond il-kundizzjonijiet tal-permessi relattivi maħruġa mill-MEPA L-ebda benefiċjarju ma jkollu dritt jagħmel alterazzjonijiet strutturali jew b'xi mond jibdel l-iskema tal-kuluri, materjali u fatturi oħra li jagħmlu parti mill-faċċata

Fil-każ ta' *maisonettes* u appartamenti fejn dawn huma mibnija fuq garaxxijiet, il-btieħi ta' wara u l-btieħi interni għandom ikunu miżbugħin bil-qatran tat-tisjir jew water proofing membrane u mgħottija bil-madum jew konkos u mhux bil-ħamrija. Il-benefiċjarji huma obbligati li jagħmlu x-xogħol u l-manutenzjoni meħtieġa biex ma jkunx hemm dħul ta' ilma mill-imsemmija btieħi għas-sular ta' taħt. Dan ix-xogħol għandu jsir sa żmien tliet xhur minn meta jsir il-kuntratt finali u l-manutenzjoni tibqa ssir regolarment minn dak iż-żmien.

(11) L-ebda kostruzzjoni ta' *washrooms* ma hu permess fuq il-bjut komuni ta' blokki ta' appartamenti.

(12) Il-Benefiċjarji ma jistgħux jagħmlu alterazzjonijiet strutturali fil-fond u ma jistgħux jibnu bl-ebda struttura jew sulari oħra fuq il-proprjetà mingħajr il-permess tal-ko-propjetarji, ta' l-Awtorità tad-Djar u tal-Awtoritajiet kompetenti. F'każ ta' maisonettes, il-benefiċjarji huma obbligati jiksbu wkoll il-kunsens bil-miktub mingħand is-sidien tal-maisonettes sottostanti/sovrastanti u adgaċenti. Hija fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Awtorità tad-Djar li tagħti permess għal tali alterazzjonijiet strutturali u d-deċizjoni ta' l-Awtorità tad-Djar tkun finali.

(13) Fejn il-garaxx għandu l-entratura tiegħu minn ġo *drive-in,* il-bejgħ ikun jinkludi sehem indiviz tal-partijiet komuni.

(a) L-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-partijiet komuni tal-garaxxijiet inkluz pompa ta' l-emerġenza fejn applikabbli, bibien tal-entratura prinċipali, sistemi ta' ventilazzjoni u *fire safety, service rooms* fejn applikabbli, tiswijiet, konsum tad-

dawl, tindif u spejjeż oħra li jinqalgħu minn żmien għal żmien iridu jinqasmu bejn il-benefiċjarji li għandhom l-obbligu li jzommu il-partijiet komuni kollha fi stat xieraq u kif irregolat mill-liġi. Għal dan il-għan, il-benefiċjarji tal-garaxxijiet iridu jaħtru rapprezentant biex jamministra dawn l-obbligi. Kull benefiċjarju hu obbligat iħallas is-sehem tiegħu sabiex jiġu esegwiti tali obbligi.

(b) F'dawk il-binjiet fejn jinsab mibni ġibjun/ġiebja fil-partijiet komuni tal-garaxxijiet, ir-rappresentant tas-sidien tal-garaxxijiet ikun responsabbli li jikkoordina mas-sidien tal-binja dwar il-kontroll u l-uzu tal-ilma li jinġabar fil-ġibjun u li jara li ssir il-manutenzjoni regolari u neċessarja.

(c) Fil-każ tal-binjiet fejn issir sistema ta' ġibjuni li jintuzaw biex jipprovdu ilma *second class* fil-fondi sovrastanti, il-manutenzjoni tal-pompa, tal-ġibjun innifsu u kontroll tal-ilma li jinġabar fil-ġibjun, huma f'dawn il-każijiet, responsabilita' tal-Assoċjazzjoni tar-Residenti tal-entraturi relattivi li għandhom jikkoperaw mar-rappresentanti tas-sidien tal-garaxxijiet għal manutenzjoni/ tiswijiet meħtieġa.

(14) L-ebda parking jew kwalunkwe tip ta' ngombri ma hu permess fil-partijiet komuni tal-garaxxijiet.

Kundizzjonijiet Addizzjonali (Solar Water Heaters)

Il-benefiċjarji tal-fondi taħt dan l-avviż huma obbligati li jinstallaw *Solar Water Heater* fejn dan hu teknikament possibbli u jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa ta' din is-sistema b'dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Is-*solar water heater* ma jistax jiġi mċaqlaq u lanqas jista' jiġi marbut xi oġġett miegħu.

2. Il-benefiċjarji m'għandhomx itellgħu persuni oħra fuq il-bejt u bla bzonn. F'każ li jkun hemm bżonn jitilgħu ħaddiema għall-manutenzjoni jew tiswijiet tal-bejt u serviżżi oħra, dawn iridu jiġu akkompanjati mis-sid tal-appartament.

3. Ma jistgħux isiru barbecues jew parties fuq il-bejt.

4. L-ispażju ta' taħt is-solar panels ma jistax jintuża għall-inxir ta' ħwejjeġ jew bħala *storage space* jew biex jinżammu tjur jew annimali oħra.

5. Il-benefiċjarji jkunu obbligati jagħmlu l-manutenzjoni regolari tas-*solar water heaters*.

6. Il-benefiċjarji jingħataw pjanta li turi t-tqassim fuq il-bejt ghall-installar tas-sistema tal-*Solar Water Heaters*.

Kundizzjoni għall-appartamenti fi Triq Pietro Darmenia Pembroke

Il-benefiċjarji ta' dawn l-appartamenti huma obbligati li mal-kuntratt tax-xiri jħallsu s-somma addizjonali ta' Lm 275 lill-Awtorità tad-Djar sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-manutenzjoni tal-faċċata ta' l-istess blokk wara l-għeluq tas-seba' sena mix-xiri. Wara l-għeluq tas-seba' sena mix-xiri u kull seba' snin ta' wara, l-benefiċjarji huma obbligati li jħallsu somma ta' flus kif rikjesta mill-Awtorità tad-Djar biex din isservi għall-manutenzjoni tal-faċċata. L-Awtorità tad-Djar tobbliga ruħha li tagħmel il-manutenzjoni meħtieġa tal-faċċata kull seba' snin.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*